IL-PULIZIJA Marzu/April 1984 5/1

Organu ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija.
Stampat fil-Union Press
Editur: E. Attard
Bord Editorjali: Supt. G. Grech Insp. N. Schembri P.S. 429 R. Cilia
Insp. A. Seychell P.C. 1302 A. Spiteri
W.P.C. 50 M Bondin

*KOPERTINA: L-arma l-ġdida ta' l-elmu tal-Pulizija.*

# Editorjal:

## KUMITATI FIL-KORP TAL-PULIZIJA

•DIVERSI drabi ġie spjegat x'kumitati jeżistu fil-Korp tal-Pulizija, komposti mill-istess membri tal-Korp, bil-għan li minbarra li jieħdu ħsieb jaraw u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar dak li hu ta' ġid għall-membri tal-Korp, jieħdu ħsieb ukoll jorganizzaw attivitajiet soċjali u kulturali għall-membri tal-Korp u l-familji tagħhom.

Wieħed minn dawn il-kumitati li huwa maħtur skond l-Ordinanza tal-Pulizija għandu funzjoni trade unjonista u l-Kumitat huwa fid-dmir li jressaq lejn l-awtoritajiet tal-Pulizija dak kollu li għandu x'jaqsam mal-welfare tal-Korp.

Hemm kumitat ieħor li jieħu ħsieb il-welfare tal-Korp minn aspett ieħor u kien hemm diversi membri tal-Korp li bbenefikaw wara li għamlu talbiet għall-għajnuna finanzjarja in konnessjoni ma' mard. Dan il-kumitat jitratta wkoll talbiet ta' għajnuna li l-membri tal-Korp jagħmlu kemm minħabba spejjeż li jkunu saru għalihom kif ukoll għall-membri tal-familja tagħhom.

Għal dak li huma attivitajiet soċjali għall-membri tal-Korp u l-familji tagħhom wieħed jista' jgħid li f'dawn l-aħħar snin kien hemm kumitati li mhux biss ħadu ħsieb jorganizzaw dawn l-attivitajiet, iżda f'ċerti okkażjonijiet dawn ġew organizzati fuq skala verament għolja. Wieħes jista' jgħid ukoll li f'dawn l-aħħar snin bdew isiru attivitajiet għat-tfal tal-membri tal-Korp u dawn qed isiru ta' spiss.

Dwar dak li hu sports, il-Korp minn dejjem kellu nies sportivi b'mod speċjali fil-futbol u llum nistgħu ngħidu li dan l-isports reġa' ħa spinta sewwa fil-Korp u qed iqajjem interess mhux biss fost dawk li jilagħbu din il-logħba, iżda fost ħafna membri oħra tal-Korp. Dansar bl-introduzzjoni tal-logħob bejn id-diversi distretti u taqsimiet tal-Korp.

Minn dan kollu jidher li jeżisti makkinarju biex il-membri tal-Korp filwaqt li qegħdin f'Korp dixxiplinat jistgħu jipparteċipaw f'kull attività soċjali u tkun ħasra li wieħed ma jagħmilx użu minn dan il-makkinarju.

### F'DIN IL-ĦARĠA:


| | |
|---|---|
| Editorjal | 1 |
| Causes of death unknown | 2 |
| The Citizen, Traffic Accidents and the Law | 3 |
| Mill-Association | 4 |
| Mutual Help Association | 4 |
| Interpol | 5 |
| Id-Dipartiment tal-Ħabs | 6 |
| L-Għaqdiet tas-Snajja' fl-imgħoddi | 7 |
| L-Armi tal-Pulizija | 10 |
| Mill-Imgħoddi | 13 |
| Delegation | 14 |
| Intervista ma' Pensjonant | 15 |
| Park Walk and Talk | 16 |
| Att ta' min ifaħħru | 17 |
| Marini Fraudsters Waive the Rules | 18 |
| L-ittri Tagħkom | 19 |
| Il-Grupp Mużikali tal-Pulizija f'Ivrea | 20 |
| Mill-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija | 22 |
| Crossword | 23 |
| Paġna għat-Tfal | 24 |
| Sports | 25 |

# CAUSES OF DEATH UNKNOWN

**By Mr. Justice Joseph Filletti, B.A., LL.D.**

Sooner or later, Death comes at the end and the Law, either in its civil or criminal aspects, follows suit. This is hardly surprising for as one noted poet held "law would clip an angel's wing"! In this short article, our concern is to throw some more light on the steps to be followed in cases which involve a sudden, or violent or suspicious death, or of a death the cause of which is not known – from the point of view of our Criminal Law.

Whenever any one of the above-mentioned incidents of death takes place, and as soon as the matter is made known to the Executive Police, a report thereof is drawn up, usually by the District Police Officer and forwarded without delay to the Court of Magistrates of Judicial Police. Although the Maltese Criminal Code mentions the word "Court", in point of fact this report is received by the Inquiring Magistrate who happens to be the 'duty' magistrate on that particular day. Such a report should contain all the relevant details as to the identity of the person found dead. For this reason, particulars of day, time, location and environment must be included. Wherever possible, the investigating police officer should moreover indicate whether any so-called 'foul-play' is in any way in evidence. It is now proposed to briefly explain what is normally expected as a minimum from the various officers that take part in the inquest involving a dead person where the cause of death is not certified by a medical doctor as being known.

At the outset, it is very important for the investigating police officer to arrive on the scene of death as early as possible and without undue delay in order to ascertain that no evidence be removed, cancelled or tampered with – and not to leave until all such evidence be properly recorded in terms of law. When this is not possible, a police constable is to be detailed to the scene of the incident where death occurred until the investigating officer arrives. The primary duty of the investigating police officer is to establish the following two important data, namely, (i) the identity of the deceased; and possibly (ii) how, when and where the deceased came by his/her death.

Upon receiving the police report, the duty magistrate will then hold an inquest on the dead body for the purpose of ascertaining the cause of death. In order to accomplish this, the magistrate takes down all such evidence as may be possible for him to procure, usually with the help of experts appointed by him with a specific task. The Criminal Code envisages some other cases involving deaths where an inquest must also be held. Again, one of the underlying reasons for the holding of such an inquest is to make sure that the death in such instances resulted from a known cause. These special instances mentioned by the law are the following:

(a) whenever a person dies while he/she is imprisoned; or

(b) detained in any place of confinement contemplated in the Prison Act, 1976; or

(c) while a person dies when under police custody; or

(d) whenever a person dies in the Mount Carmel Hospital while he/she is being kept there under a Court order in terms of law, or for the purpose of his/her being examined by experts appointed by the Court.

In the majority of cases, the duty magistrate orders a post-mortem examination on the body (more commonly referred to as the "autopsy"), and medical experts are appointed in order to medically establish the cause of death and whether such a death was a natural one. Our Code also specifically empowers the inquiring magistrate to order, wherever necessary, the dissection and the internal examination of the body. If the body has been buried already, the magistrate is also empowered to order its disinterment or exhumation for a necroscopic examination.

All post-mortems are held at the Mortuary or as otherwise indicated by the magistrate. Before it starts, the dead body must be indentified upon oath by two other persons who know the person in question. Prior to the removal of the body to the mortuary, however, certain other procedures have to be adhered to. When a medical doctor is called to examine a person believed to be dead, he has three principal duties to keep in mind, that is,

1. to make sure that death has, in fact, taken place;
2. to make a superficial examination on the body in order to exclude medical grounds for suspicion; and
3. to issue a death certificate, if he is in a position to do so. Should this be not possible he is to state that the cause of death is unknown and inform the police.

When the cause of death is not known, another kind of a medical examination is required before removing the body, the so-called **levée du corps** (literally meaning the 'raising of the body'.) The **levée du corps** differs from the first medical examination already described. It involves instead a detailed medical description of all the relevant data regarding the cadaver. It is neither unusual nor uncommon for some time to elapse between the finding of the body and the performance of the autopsy. This fact alone makes it imperative upon the medical expert conducting the **levée du corps** to be as competent and efficient as possible. On his part, the investigating police officer and efficient as possible. On his part, the investigating police officer should assist the expert by giving him all the circumstantial details gathered by him regarding the dead body as well as the immediate environment. If the body be seen where first discovered, note should be taken of the exact position and attitude, of any signs suggesting a struggle or an assault, of foot-prints or other marks to or from the body; of any bottles, medicines, spirits,

•cont. p. 19

Neriku
CONFECTIONERY
& PASTIZZERIA

84-67, ST. JOHN STREET,
VALLETTA
TEL. 20911

13, THE MALL, FLORIANA
TEL. 20567

*Accepts orders for:*
WEDDINGS, BAPTISMS
AND PARTIES

# *A. Ch. OHAYON*

***AT/1, INDUSTRIAL ESTATE,***
***MARSA, MALTA***
***TEL. OFFICE: 27309*** ***RESIDENCE: 512666***

**MANUFACTURERS OF SCHOOL SATCHELS, HANDBAGS, SHOULDER BAGS AND PVC SUITCASES**

WHOLESALE AND RETAIL



# PISANI BROTHERS
## AUTO DEALERS

PROP. SAVIOUR & CARMELO
**VALLEY ROAD, BIRKIRKARA**
**TEL: 44856**

***WE DEAL IN ALL KINDS OF VEHICLES NEW & SECOND HAND***

# THE CITIZEN, TRAFFIC ACCIDENTS AND THE LAW

***by Dr. Joseph Galea Debono B.A., LL.D.***

## (PART FOUR)

This is the fourth and concluding part of a series in which we reproduced a lecture given by Dr. Joseph Galea at the University of Malta.

Reference is also made to the Bill at present before Parliament which sets out to unify the Criminal and Civil Process for redress in cases of death, bodily harm or damages arising from traffic accidents.

A very important principle to be kept in mind in assesing damages arising from negligence, is that they are to be regarded as a compensation for an injury sustained and not as a punishment for a wrong inflicted upon the victim. It is consequently the duty of the victim to do everything that is reasonably possible to minimise and mitigate the damages sustained by him. He is to refrain from any act through which the damages might be increased. For example, a person deciding to change an entire part of a car, when it can be repaired easily and at a lesser cost, might find that he will not be entitled to recover the extra cost unjustifiably ly incurred by him. Similarly a person, who capricously refuses to undergo normal therapeutic treatment for his injuries, thereby making his disability worse, is likely to have his claim for larger damages strongly contested.

Of course, the injured party is not bound to make any undue or unreasonable sacrifices or to assume any burden in minimising the damages. Thus, for instance, a person of scanty financial means is not expected to raise a loan for the repair of a damaged vehicle in order to cut down on losses resulting from his inability to use his vehicle, say, for his trade or profession.

In concluding this brief and necessarily superficial review of a very vast and dynamic subject, I feel this is the place to make a few comments on some desireable measures that might be introduced, firstly to contain this ever growing negative phenomenom of the motor car age by preventing and forestalling accidents and secondly, to make remedies better and more tangible.

1. Emphasis must be laid by the Police authorities on educating drivers about the Highway Code, the basic rules of the road and their rights and obligations. Whereas more recently newly licensed drivers are being tested on their knowledge of the Highway Code, thousands and thousands of Maltese drivers literally have never heard of this little green book. Perhaps it is high time to introduce such oral tests for all licensed drivers as a condition for renewal of driving licences.

2. So much more could be done to make our roads safer by adequate sign posting (particularly Stop Signs) and, if we can afford it, adequate lighting. The most gruesome accidents I have had the occasion to deal with were those happening at night time, in unlit roads, with foreigners at the wheel.

3. Thirdly, all vehicles should be regularly tested for road worthiness and subjected to periodical inspections. These and many other measures could go very far in preventing travel accidents.

From the remedial aspect, I feel there is a very strong case for introducing Full Third Party Risk Insurance Coverage, extending beyond damage caused through death or bodily injury, to all kinds of damage, notably damage caused to property of third parties. This will ensure that at least when the injured party has been successful in obtaining a favourable judgement against a reckless driver, he will be able to enforce it successfully against solvent insurers.

Furthermore, it might now be the time for our legislators to



consider the amendment of our Civil Code, introducing the principle of compensation for **pain** and **suffering** resulting from tortous acts, bringing our law in line with foreign liberal laws.

For some time now, a Bill has been before Parliament, which could go a long way in streamlining procedures for redress in collision or traffic accident cases, if carefully implimented with certain amendments. This Bill, amending the Criminal Code, sets out to give the Court of Magistrates of Judicial Police and, in turn, the Court of Criminal Appeal, jurisdiction and power to order the person convicted in the Police trial, after being involved in a traffic accident, to pay damages to the injured party, in cases of involuntary homicide, involuntary bodily harm or involuntary damage to property.

When and if this Bill becomes Law, it will have the effect of unifying the criminal and civil process for redress, thus, hopefully, expediting matters somehow and avoiding duplication of work. Where the damages in question exceed Lm250, the order of the Criminal Court will be enforced by the Civil Court First Hall or the Gozo Magistrates Court in its

• **cont. p. 7**

# MILL-ASSOCIATION

Fost it-talbiet li saru mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija matul l-1984 hemm dik tal-Extra Duty bi ħlas li twaqqfet b'effett mill-1983. Kif jaf kulħadd din waqfet in vista li b'effett mill-istess sena twaqqaf il-ħlas ta' l-'overtime' għall-impjegati tal-gvern. L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija talbet li din l-extra tibda titħaddem fejn jidħol il-privat biss.

Saret talba wkoll dwar ix-xufiera tal-vetturi tal-Pulizija bil-għan li dawn jiġu koperti b'xi assigurazzjoni biex tagħmel tajjeb għal xi danni f'xi inċidenti tat-traffiku. Ta' min ifakkar li l-vetturi tal-gvern ma humiex koperti b'polza tas-sigurtà u xi drabi dawn ikollhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kemm tal-vetturi li jkunu qed isuqu kif ukoll tal-vettura l-oħra. B'dan ma rridux nagħtu l-impressjoni li kull min isuq vettura tal-Pulizija ma għandux jieħu l-prekawzjonijiet kollha waqt is-sewqan, anzi nippretendu li l-membri tal-Korp għandhom ikunu ta' eżempju fis-sewqan tagħhom b'mod speċjali meta jsuqu vetturi tal-Pulizija. B'danakollu ma narawx raġuni l-għala dawn ma għandhomx ikollhom xi ħaġa biex ikunu protetti kontra xi danni.

Talba oħra li saret mill-Kumitat hija biex rappreżentanti ta' l-Assoċjazzjoni jiddefendu membri tal-Korp f'każijiet ta' dixxiplina quddiem l-awtoritajiet. Kien hemm żmien meta l-Association kellha Bord kompost minn diversi membri u għamlu difiżi f'każijiet kemm quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.

# MUTUAL HELP

Il-kontribuzzjonijiet tal-Mutual Help Association kienu għall-familjari tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:


Ex-Surġent 525 Anthony Pullicino


Ex-Surġent Maġġur 60 Saviour Corrado.


Ex-Kuntistabbli 64 Charles Borg.


Ex-Surġent 118 Alfred Magro.


Ex-Kuntistabbli 515 Paul Zammit.


Ex-Kuntistabbli 262 George Saliba.

# INTERPOL

***Mill-Ispettur A. Seychell***

Fiż-żewġ artikli li ppublikajna f'din is-serje ta' Artikli dwar l-Interpol rajna x'inhija din l-organizazzjoni u xi ħaġa dwar l-istorja ta' kif din twaqqfet. Fl-artiklu tal-lum se naraw kif inhuma kordinati u kkontrollati l-attivitajiet tal-Interpol permezz tal-'Assemblea Ġenerali – il-Kumitat Eżekuttiv – is-Segretarjat Ġenerali – u n-'National Central Bureaus'.



**Il-Kwartieri Ġenerali ta' l-Interpol.**

1) **L-Assemblea Ġenerali,** magħrufa aħjar bħala General Assembly tiltaqa' normalment għal ftit jiem darba fis-sena. F'din l-Assemblea jattendu delegati mill-pajjiżi kollha msieħba fl-Interpol. Permezz ta' din il-laqgħa jsiru diversi diskussjonijiet li permezz tagħhom jintlaħqu l-attivitajiet kollha tal-organizazzjoni li fost oħrajn jinkludu koperazzjoni internazzjonali mad-diversi forzi tal-pulizija, suġġerimenti dwar mezzi għal ġlieda kontra l-kriminalità, ħatra ta' uffiċjali biex imexxu l-organizazzjoni, u affarijiet dwar finanzi tal-Interpol. Kull deċiżjoni li ssir f'din l-Assemblea tiġi mgħoddija permezz ta' votazzjoni u d-diskussjonijiet kollha jsiru bl-erba lingwi uffiċjali tal-Organizazzjoni, jiġifieri bl-Ingliż, Franċiż, Spanjol u Għarbi permezz ta' Interpreti.

2) **Il-Kumitat Eżekuttiv** huwa elett permezz ta' votazzjoni sigrieta waqt l-Assemblea Ġenerali. Dan il-Kumitat huwa kompost minn tlettax-il membru li jkunu:-

– Il-President tal-Organizazzjoni

– tlett viċi-Presidenti, u
– disa' delegati

u normalment dan jiltaqa' darbtejn fis-sena. L-aktar funzjoni importanti ta' dan il-Kumitat huwa li jipprepara l-aġenda għall-Assemblea Ġenerali u li tara li d-deċiżjonijiet li jittieħdu waqt l-Assemblea jiġu applikati. Il-President illi l-funzjoni tiegħu hija biex imexxi l-Assemblea Ġenerali u laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv jinħatar għal erba' snin. Il-membri kollha l-oħra jiġu eletti għal tlett snin. Għan ieħor ta' dan il-Kumitat huwa li jissorvelja tmexxija tas-Segretarjat tal-Interpol.

3) **Is-Segretarjat Ġenerali** huwa l-organu li permezz tiegħu titħaddem l-Organizazzjoni. Fost ir-responsabiltajiet ta' dan is-Segretarjat hemm li dan jieħu ħsieb li jiġu applikati dawk id-deċiżjonijiet meħuda fl-Assemblea Ġenerali kif ukoll mill-Kumitat Eżekuttiv – li jservu bħala ċ-ċentru fil-ġlieda kontra l-kriminalità – biex iservi bħala ċentru ta' informazzjoni għall-pajjiżi msieħbin fl-Interpol – li jżomm kuntatt mal-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll internazzjonali – li jippublikaw ċerti publikazzjonijiet ta' bżonn kif naraw f'Artikli oħra, u li jorganizza xogħol segretarjali għall-konferenzi u laqgħat oħra tal-Interpol.

Il-Kap tas-Segretarjat jissejjaħ is-Segretarju Ġenerali li jiġi elett fl-Assemblea Ġenerali għal perjodu ta' ħames snin. Dan huwa l-persuna responsabbli fit-tmexxija tad-dipartimenti tal-Interpol. Huwa fid-dover tiegħu li meta jiltaqgħa l-Kumitat Eżekuttiv u ssir l-Assemblea Ġenerali dan jagħmel rapport dwar l-attivitajiet tiegħu u tal-istaff fis-Segretarjat.

4) **In-'National Central Bureaus' (NCB's).** Wara li twaqqfet l-Organizazzjoni bdiet tidher li kien hemm ħafna diffikultajiet biex setgħet titmexxi l-koperazzjoni internazzjonali. Fost dawn l-aktar li nħasset kienet id-differenza fl-organizazzjoni tad-diversi forzi tal-pulizija – diffikultajiet fil-lingwa u d-differenza fis-sistema legali tad-diversi pajjiżi. Dawn il-problemi ġew solvuti bid-deċiżjoni illi l-Gvern ta' kull pajjiż membru fl-Interpol kellu jappunta dipartiment permanenti tal-Pulizija biex iservi bħala l-Uffiċju Nazzjonali Centrali tal-Interpol f'dak il-pajjiż u b'hekk ikun l-uffiċċju prinċipali għall-koperazzjoni internazzjonali. Dawn l-uffiċini huma mmexxija minn uffiċjali li jaħdmu fil-limiti li tagħtihom l-liġi f'pajjiż-

• ikompli p. 9

# IL-ĦABS

*minn R. C. Theuma, Direttur tal-Ħabs*

Id-Dipartiment tal-Ħabs jinsab fit-Telgħa ta' Raħal Ġdid fejn ġie trasferit mill-Belt Valletta f'Jannar 1850. Dan il-bini huwa mqassam f'partijiet differenti fejn il-priġunieri jinżammu separati skond il-klassifika tagħhom, jiġifieri dawk issentenzjati ma jkunux ma' dawk jistennew jiġu kkundannati, u n-nisa mifruda mill-irġiel.

Meta nbena dan il-ħabs il-kundizzjonijiet li fihom kienu jinżammu l-ħabsin kienu ferm differenti minn dawk tal-lum. Kull ħabsi kien jinżamm maqful għal ħinijiet twal fiċ-ċella tiegħu. Il-kuntatti ma' barra kienu jkunu maqtugħa għal kollox u l-faċilitajiet tal-ħabs kienu mill-aktar iebsin. Eżempju ta' dan huwa l-ikel; dan kien jikkonsisti f'biċċa ħobż, xi biċċa bakkaljaw jew ftit żebbuġ u xi biċċa ġobon. Fiċ-ċella, għall-bżonnijiet naturali, l-priġunieri kellhom barmil u buqar ilma biex iservihom il-ġurnata kollha. Il-ħabsin ma kienux jistgħu jagħmlu kuntatt mal-familja tagħhom, la permezz ta' ittri u l-anqas visti għal żmien twil. Ir-regolamenti tal-ħabs kienu iebsin u wieħed jasal biex jgħid li kien hemm krudelta u ħruxija lejn dawk in-nies li kienu jinżammu fil-ħabs.

## GĦALFEJN IL-ĦABS

Id-Dipartiment tal-Ħabs għandu l-iskop li jservi bħala istituzzjoni fejn il-ħabsin iħallsu d-dejn tagħhom lejn is-soċjetà u fl-istess ħin jiġu riformati u rijabilitati għall-ġid tagħhom u tal-membri l-oħra tas-soċjetà. Il-Ħabs jagħti protezzjoni lis-soċjetà billi jżomm fih lil dawk il-persuni mibgħuta mill-Qrati tal-Ġustizzja. Il-ħabsin jinżammu f'ambjent posittiv; tingħata enfasi biex dawn tingħatalhom l-għajnuna meħtieġa ħalli jiżviluppaw attitudni ta' responsabbiltà.

## L-UFFIĊJALI TAL-ĦABS

L-Uffiċjali tal-Ħabs qiegħdin jagħmlu xogħol ta' siwi kbir lejn is-soċjetà, għaliex dawn qiegħdin iżommu lil dawk il-persuni li, is-soċjetà permezz tal-Qrati, tiddeċiedi li jistgħu jkunu ta' periklu lejn is-soċjetà nnifisha. Is-sistema tal-Ħabs tagħna, filwaqt li tipproteġi lis-soċjetà, iżżomm għolja d-drittijiet tal-bniedem.

## TITJIB FIL-KUNDIZZJONIJIET TAL-ĦABS

Matul is-snin saru emendi fil-liġijiet biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-ħabs. It-titjib f'dawn il-kundizzjonijiet żdiedu b'ritmu aktar mgħaġġel wara l-1971 meta kien hemm Gvern Soċjalista fil-poter. L-akbar pass li ttieħed kien meta l-piena tal-mewt ġiet imneħħija mill-Kodiċi Kriminali fl-4 ta' Ottubru 1971; u wara ġiet imneħħija l-piena ta' xogħol iebes li kienet tingħata ma' sentenza ta' priġunerija.

Kull ħabsi gawda mill-ordni li ngħatat biex f'kull ċella jitqiegħed lavaman bl-ilma u loki u b'hekk tneħħiet id-degradazzjoni li l-ħabsi kien ikollu meta dawn il-faċilitajiet kienu neqsin. Sar tindif ġenerali f'kull parti tal-ħabs u kull ċella ġiet provduta b'saqqijiet tal-lastiku flok dawk tat-tiben. Il-kundizzjonijiet komplew jitjiebu meta ġiet inawgurata kċina ġdida u b'hekk l-ikel tal-priġunier seta' jkun preparat aħjar, sew fil-kontenut, kwalità u preżentazzjoni tiegħu. Biex il-ħabsin ma jinqatgħux għal kollox mis-soċjetà u jkunu jistgħu jżommu ruħhom informati b'dak li qed jiġri barra l-ħabs, ġew installati 'cable radios' kif ukoll televisions. Għal aktar konvenjenza, l-'cable radios' tqiegħdu f'kull ċella. Ġew installati wkoll T.Vs tal-kulur fis-Sezzjonijiet bħala inċentiv għal dawk il-ħabsin li ma jkollhomx rapporti kontra tagħhom. B'dan it-titjib ma jfissirx li hemm il-ħsieb li l-ħabs jinbidel f'lukanda, imma biss li jsir post diċenti, post uman, post fejn in-nies miżmuma hemm ġew jiġu riformati biex xi darba joħorġu lura fis-soċjetà aħjar milli kienu meta daħlu l-ħabs.

Il-ħabsin issa għandhom vista ta' nofs siegħa mal-familji tagħhom kull ħmistax, minflok vista ta' kwarta kull xahar. Jistgħu jiktbu lil qrabathom u lil ħbiebhom darba fil-ġimgħa. Fil-każ ta' dawk li m'humiex issentenzjati r-regolamenti dwar visti u ittri huma aħjar minn hekk. Infatti dawn jista' jkollhom vista minn qrabathom għal ħames darbiet fil-ġimgħa u jistgħu jiktbu u jirċievu ittra kuljum. Dan minbarra li jitħallew jilbsu l-ħwejjeġ li jridu u jistgħu jirċievu l-ikel minn barra. L-ilbies għal dawk issentenzjati huwa addattat għaż-żmien tal-lum biex b'hekk il-ħabsin ma jħossux ruħhom imċekkna meta jkunu l-ħabs.

## KURA MEDIKA

Il-kura medika wkoll ġiet imtejba u kull ħabsi jingħata l-mediċini u jintbagħat għall-kura l-isptar kull meta jkun jinħtieġ.

## RELIĠJON

Il-bżonnijiet spiritwali ta' kull ħabsi, tkun xi tkun ir-reliġjon tiegħu, jiġu moqdija. Għall-kattoliċi hemm servizz tal-kappillan għall-Quddies u qrar lil kull min irid fil-Ħdud u fil-ġranet obbligatorji. Għal dawk ta' reliġjon oħra, dan is-servizz jiġi provdut meta dawn jitolbuh.

## TAĦRIĠ INDUSTRIJALI

Importanza speċjali bdiet tingħata lix-xogħol u kull ħabsi jiġi mħajjar biex jitgħallem xi sengħa biex din tista' sservih għall-għixien tiegħu wara li joħroġ mill-ħabs. Għal dan il-għan infetħu ħwienet tax-xogħol fis-sengħa ta' mastrudaxxa, ħaddieda, legatura tal-kotba, ħajjata, 'electrician' u 'plumber', xogħol ta' twapet tal-ħbula, bajjada, kaħħala, agrikoltura, kif ukoll xogħol fil-kċina għall-preparazzjoni tal-ikel.

# WEMBLEYS

*Malta's largest Car Hire Fleet*



## Rent-a-Car

**TEL. 35436**

In case of difficulty phone 32074.




## 24 hr. Taxi Service

**TEL. 32074 – 511522**



## Crane Hire

**TEL.: 33358**

In case of difficulty phone 35436

WEMBLEYS

**HEAD OFFICE –**
50 St. George's Road, St. Julians
Telex: TURTRA MW636.

**SERVICE STATION** – St. Andrews Road, St. Andrews.




# QAJA

5, TAGLIAFERRO CENTRE,
CATHEDRAL STREET, SLIEMA, MALTA
TEL: 511314

# TRANSLATION SERVICES CENTRE

(MOH'D A. QAJA)

- *Legal, technical and scientific translation*
- *Typesetting*
- *Specialized Printing*
- *Newsletter Creation*
- *Trade Journals*
- *Personal Biographies*
- *Resumes (both International & Localized)*
- *Brochures*
- *Booklets*
- *Passport and Business from Translation*
- *Creative Writing*

Our prices are competitive

We can write, edit, bind and print any book you wish created, including any subject matter. Our writers will go anywhere in the world to accommodate you. We specialise in educational, trade and biographical, trade and biographical publications.

## TAGĦLIM EDUKATTIV

Tingħata attenzjoni speċjali għat-tagħlim edukattiv. Għal dan il-għan qed jiġi għalliem professjonali mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex iżomm klassijiet ta' filgħaxija fit-tagħlim tal-Malti, Ingliż, Aritmetika u Tpinġija (Arti). Il-biċċa l-kbira tal-ħabsin qiegħdin jieħdu l-okkażjoni minn dan it-tagħlim. Ħafna minn dawk il-ħabsin illitterati tgħallmu jiktbu u jaqraw permezz ta' dawn il-klassijiet.

## RIKREJAZZJONI

Fil-ġranet mhux tax-xogħol, Ħdud u Festi l-ħabsin għandhom il-libertà li joħorġu fil-btieħi fejn għandhom il-faċilitajiet biex jilgħabu l-ballun u logħob ieħor bħal basketball u tennis. Il-logħob l-iktar popolari huwa l-futbol u l-biċċa l-kbira jagħżlu li jilgħabu lilu. Kull filgħodu l-ħabsin jingħataw eżerċizzju fiżiku fil-btieħi qabel jibda x-xogħol. Il-ħabsin jistgħu jisimgħu u jaraw il-programmi favoriti tagħhom fuq il-Cable Radio u t-Televiżjoni. Għandhom faċilitajiet ukoll li jilgħabu logħob bħal dominoes, chess, draughts, table-tennis jew jokkupaw ruħhom f'hobbies diversi. Dan biex jgħin lill-ħabsin iżommu ruħhom okkupati f'ambjent li jżommhom il-bogħod mill-kriminalità.

Fil-ħabs hemm ukoll Librerija provduta b'numru kbir ta' kotba, perjodiċi u gazzetti għal dawk li jridu jagħmlu użu minnhom. Dawn il-faċilitajiet huma popolari ħafna mal-ħabsin.

## MAĦFRA ĠENERALI

Il-ħabsin gawdew minn maħfra jew tnaqqis tas-sentenza tagħhom f'diversi okkażjonijiet matul dawn l-aħħar snin bħala parti mill-festi li saru:-

Mat-tlugħ ta' Gvern Laburista. Meta Malta saret Repubblika.

Fl-Anniversarju tar-Repubblika u l-ħatra ta' President u Arċisqof ġdid.

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħelsien 1979.

Fl-okkażjoni tal-ħatra għall-ewwel darba ta' mara bħala President tar-Repubblika ta' Malta.

## VISTI LILL-ĦABSIN

Il-President tar-Repubblika, s-Sinjura Agatha Barbara u l-Ministru Lorry Sant (dak iż-żmien Ministru ta' l-Intern) għamlu visti lill-ħabsin f'okkażjonijiet speċjali u kellmuhom fil-waqt li tawhom ix-xewqat tagħhom lilhom u lill-familji tagħhom u ħeġġewhom biex jibdew ħajja ġdida wara li joħorġu mill-ħabs.

## BORD TA' VISITATURI

Fil-ħabs hemm Bord magħmul minn nies indipendenti li jżuru l-ħabs regolarment biex jaraw li r-regolamenti u l-kundizzjonijiet tal-ħabs qed jiġu osservati. Kull ħabsi jista' jkellem lill-membri tal-Bord dwar xi problema jew xi għajnuna li jkun jixtieq minnghandhom.

Meta wieħed jikkompara l-livell ta' għixien fil-ħabs illum ma' dak ta' ftit snin ilu, wieħed jista' jgħid li l-ħajja tal-ħabsi llum hija waħda umana u ta' benefiċċju għall-ħabsin stess. Is-sistema tal-lum tipprovdi faċilitajiet u opportunitajiet kostruttivi biex dawk li jridu jitgħallmu sengħa, jiktbu u jaqraw (jekk ma jafux). Tingħatalhom kura għal saħħithom u kull għajnuna li jeħtieġu huma personalment jew il-membri tal-familja tagħhom permezz ta' Dipartimenti oħra tal-Gvern, fosthom id-Dipartiment tal-Assistenza Soċjali. Il-ħajja fil-ħabs illum hija ordinata biex tippermetti l-ħabsin li jiffurmaw karattru sod ħalli jkunu lesti li wara li jiskuntaw is-sentenza tagħhom jagħtu sehemhom lill-pajjiż bħala ċittadini onesti u l-bogħod mill-kriminalità.

•cont. from p. 3

superior jurisdiction. When the amount is less, it will be enforceable by the Civil Court of Magistrate. The only appeal that will be available from such orders to pay the damages caused will lie to the Court of Criminal Appeal.

The injured party will still be able to take action before the Civil Court for liquidation of damages and their payment, however the Civil Courts will only be able to award a sum higher than that awarded by the Criminal Court, provided that account is taken of the sum already awarded by that other Court. In these cases, the Civil Courts will however have to accept the Criminal Court's decision on liability and responsibility for the accident giving rise to the damages, though they may enquire also whether other parties are to blame as well.

A further amendment which the Bill proposes to introduce makes it possible for the Civil Court to stay proceedings before it until criminal proceedings, pending before the Criminal Courts for the same accident, are concluded. Furthermore, the injured party, who has filed a precautionary warrant or garnishee order to safeguard his claim for damages arising from a traffic accident, need not file the civil writ of summons for damages within 10 days, if a criminal action for the same accident is already before the Criminal Courts.

Irrespective of whether this Bill becomes Law or not, every effort must be made by legislators, judges, Court referees and lawyers to ensure as smooth and as speedy a procedure as possible in the establishing of liability for traffic accidents and in the assessment of damages resulting therefrom.

All involved in the complex machinery of redress would do well to remember at all times that, particularly in cases of bodily injury and death, the compensation eventually obtainable in financial terms can, at best, only remotely alleviate the irreverable hardship inflicted on the victim or his heirs and dependants.

# L-Għaqdiet tas-Snajja fl-Imgħoddi

*minn Chev. Joseph Galea*

L-għaqdiet tas-snajja f'art twelidna ma humiex xi ħaġa tal-lum biss. Daqqa ta' għajn fuq iż-żmenijiet bikrija ta' Malta, turina li l-Maltin dejjem kienu sabu li l-aħjar saħħa, l-aħjar qawwa, qegħda fil-għaqda.

Il-fdalijiet qodma, fl-irkejjen kollha ta' Malta u Għawdex, tal-ewwel żmenijiet, jew tar-Rumani, kollha jixhdu għaqda Maltija, daqs dik li werew il-Maltin fl-aħħar żmenijiet tal-kavalieri, u taħt l-ewwel jiem tal-ħakma Franċiża, meta taħt mexxejja Maltin, għall-ewwel darba, ingħaqdu u bdiet ir-rewwixta l-kbira, biex irnexxilhom ixejnu l-għadu.

U kemm deherna ħaġa waħda meta f'dak il-jum ta' tempesta, ġrew bi ħġarhom lejn ix-xtaita biex jaraw x'kien dak il-basti-ment li tfarrak mal-blat, u x'kien ġara mill-ekwipaġġ ta' fuqu, li donnu kien inbelgħa mill-mewġ. U kif rifes Pawlu u sħabu fuq artna, missirijietna laqgħuhom u daru bihom.

Fl-eqdem belt ta' Malta, fejn illum ngħidulu Rabat u Mdina, fiċ-ċimiterju tal-aħħar żmien tar-Rumani, jew kif jgħidulhom uħud, fil-katakombi ta' San Pawl u ta' Santa Agta, kien instab ġebel kbir minqux fuqu b'għodod ta' landiera, jew ħaddieda, imqassijiet, imritel, tnalji u għodda oħra. L-arkeoloġi, dawk li jistudjaw il-qedem, sejħulhom collegia artificum, jiġifieri għaqdiet tas-snajja. Għalhekk qabel ħaġ'oħra dawn il-fdalijiet juru l-għaqda bejn il-ħaddiema u l-imgħallmin, għaqda qisa dik ta' bejn il-knisja u l-istat.

Semmejt il-knisja, għaliex il-knisja kienet dejjem it-tokk fejn taħt id-dell ta' ħitanha kienu jiltaqgħu n-nies ta' l-inħawi kollha. U kull ma sar mhux biss f'Malta u Għawdex, imma fid-dinja, mal-milja ta' eluf ta' snin, kien madwar il-ħitan tal-knejjes.

Għad għandna bosta nħawi fil-gżejjer tagħna li jfakkru fejn kienu jgħixu, jew jaħdmu, il-ħaddiema: Ħal-Bajjada, it-triq tal-ħadedin, it-triq tas-siġġijiet, it-triq tal-masri, is-sur tal-kurdari fil-Birgu, u bosta oħrajn, li jixirqilhom studju għalihom.

L-ewwel tagħrif li waslilna dokumentat, dwar l-għaqdiet tas-snajja, huma ftit karti, manus-kritti, li jinsabu fl-arkivju magħrufa bl-isem ta' kapituli, jeddijiet, li kienu tressqu mill-Università, il-gvern ta' dari, u kienu mqegħda u mwassla għand il-vicire ta' Sqallija, fil-belt ta' Katanja, sabiex il-kurvisieri, cutturieri, a fari mestieri, fussero esclusi nelle elezioni ad offici dell'Università.

Fis-sena 1341 niltaqgħu li l-mastrudaxxi kienu ngħaqdu fir-Rabat, u kienu jmorru jakkumpanjaw il-vjatku tal-morda, u jieħdu sehem ukoll fil-funerali tal-mejtin.

L-imsieħba tal-għaqdiet kienu nies tas-sengħa, u kienu suldati fl-istess ħin. Kemm-il darba l-ħaddiema u l-imgħallmin, kellhom jitilqu xogħolhom biex imorru jeħduha ma' l-għadu ta' arthom u djarhom, jekk mhux dinhom ukoll, u wara, flok l-imqass, flok iz-zappun, flok is-serrieq, kienu jaqbdu l-moqdief għax kienu jinqabdu bħala lsiera.

Fi żmien il-kavallieri, im-bagħad, il-Maltin ta' bejn is-sittax u l-ħamsa u sittin sena, kienu kollha taħt l-armi.

L-għan ta' l-għaqda kien li jagħtu dejjem unur lis-sengħa tagħhom u qabel kollox li jħarsu sew il-qawl mhux kull min żeba' wiċċu sar ħaddied; li jgħinu lil xulxin kemm fl-ispiritwal, u sew fit-temporal, bil-kliem, bil-għemil, bl-għajnuna lill-morda u x-xjuħ, u jħennu għall-iżventu-rati.

Kull għaqda kellha l-qaddis tagħha.

Id-drawwa kienet li kull għaqda tpoġġi taħt id-dell, il-patroċinju, ta' xi qaddis. Din id-drawwa ma kienitx Maltija biss, u anqas moderna. Naqraw li l-istatut ta' Pisa, belt fl-Italja, tas-sena 1161, igħid li l-konslijiet tal-baħħara u tal-kummedjanti, kienu jiltaqgħu fil-knisja ta' San Mikiel. Il-Venezjani meta kienu taħt il-ħakma ta' Kostantinopli kienu ltaqgħu f'Santa Sofija, u hemm kienu jwettqu u jfasslu l-liġijiet tagħhom.

U l-professjoni li kien ikollu l-qaddis f'ħajtu kienet tiswa għar-rabta ta' l-imsieħba fl-għaqda.

Meta wara r-rebħa kienet inbniet il-Belt il-ġdida, Valletta, għaxqa ta' kull barrani, dawk il-ħaddiema li kienu fl-inħawi ta' Bormla, tal-Birgu u fil-qrib, ġew hawn mal-kavallieri. U għalhekk l-għaqdiet tas-snajja sabu ruħhom fuq din ix-xaqliba wkoll: il-ħaddedin, il-fundaturi, u l-maeskalki, ta' dawk l-ibliet, magħqudin hawn fil-belt, talbu lill-Gran Mastru biex jagħrafhom bħala Korporazzjoni. Kienu għamlu sitta u tletin statut, u tawhom ix-xejra ta' dawk l-għaqdiet li kien hemm fil-belt ta' Palermo, fi Sqallija.

Il-Gran Mastru Verdala, fil-25 ta' Lulju 1599, ħareġ id-degriet u għarafhom kif kienu talbu.

Il-ħaddiema, kif rajna, kienu suldati wkoll. Ara kemm, li dawk il-ħaddiema tal-Belt, kienu jġibu x-xabla magħhom fuq ix-xogħol, u kull bejjieħ, jew imgħallem, kellu jżomm la darba fil-ħanut tiegħu, biex f'każ ta' emerġenza, jitlaq jiġri ma' sħabu u jissielet għall-ġieħ art twelidu.

L-imseħbin tal-għaqda ma kienux jistgħu jeħdu sehem f'aktar minn waħda mill-għaq-diet. Darba kien inqala' xi għelt, għax ċertu Manwel Sciberras kien miktub fil-kunfraternità tar-Rużarju u f'dik tal-Karità. Biex tinqala' l-kwistjoni, ħaġa li ma titwemminx, kellu jindaħal l-Inkwiżitur Pallavicini.

Nhar il-festa tal-qaddis, wara l-funzjoni, kien isir pranzu, gwapp għal dak iż-żmien, għall-imseħbin. Tiftakru f'dawk l-ewwel insara fil-katakombijiet ta' Ruma, meta madwar il-mejda, magħrufa bl-isem ta' agape, kienu joqogħdu flimkien, kemm il-fqar, u sew l-għonja, f'għaqda waħda f'ġabra tal-aħwa.

Meta l-knisja ta' San Pawl tagħna, tal-Belt, kienet qegħda fejn illum hemm il-knisja tal-Ġiżwiti, kien hemm l-altar dedi-kat lil Sant'Eliġju, il-patrun tal-ħaddieda. U meta aktar tard saret bidla tal-art mall-Ġiżwiti, il-kumpanija ġiet fil-knisja ta' San Pawl, bl-altar flok dak fejn hemm il-kappella tas-santissimu Sagrament tal-lum. Meta mbagħad kienet inħasset il-ħtieġa

• tkompli p. 9

# THE NEW SHOP

## Formula

The latest in casual wear
at
UNBEATABLE PRICES
for men,
women & children

**Shop 1, Block 1,**
**St. John Street, Valletta**
**Tel: 27664**

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

TELEPHONE 41132-40111

CABLES: LIMESTONE

li jkabbru l-knisja l-għaqda għaddiet għall-knisja tal-Vitorja, u wara 25 sena (1769) bi ftehim mal-patrijiet ta' Ġiesu, skond l-att tan-nutar V. Giammalva, tal-21 ta' Mejju 1769, l-għaqda stabbilit ruħha fil-Knisja ta' Ġiesu, fejn qabel kien hemm il-kappella ta' Santu Rokku.

Il-mastrudaxxi, donnu l-aktar li kienu jissemmew. Il-knisja tal-Karmnu kienet diġà bdiet tinbena, meta l-kappella ta' San Pawl kienet għadha fejn għedna aktar 'il quddiem, u billi l-għaqda aktarx kienet l-aktar 'in demand' dak iż-żmien, ħteġilha twaqqaf altar f'dik il-knisja tal-Karmnu, u l-altar kien dedikat lil San Ġużepp, mastrudaxxa bħalhom, u hekk għada sal-lum.

Fis-sena 1611 twaqqfet l-għaqda tal-ħajjata u tal-merkanti. Dawn iddedikaw altar lil Santo Omobonu bi protettur tagħhom fil-knisja ta' San Pawl ukoll. Fost il-ħafna dokumenti li rajt għażilt insemmi episodju wieħed: ċertu mgħallem, Mikelanġ Mallia konslu, nhar l-4 ta' Awissu 1710, ġie kundannat mill-konsodali biex iħallas lil wieħed ħajjat id-differenza fil-prezz ta' par qalziet u qmis, għax kienu jiswew anqas milli kien ħadlu tagħhom. B'dan irrid nuri kemm kienu jimxu bir-reqqa dawk kollha li kellhom għal qalbhom l-għaqda ta' sengħathom.

Mhux talli din l-għaqda tal-ħajjata kienet qawwija, iżda nistgħu ngħidu li kienet magħrufa sew mill-barranin. Kienet nebħa għall-għaqda tal-ħajjata ta' Londra, fil-belt tal-imperu Ingliż, saret għaqda u ħadet l-isem ta' The Merchant Taylors Company, u ngħabret taħt id-dell u l-bandiera ta' San Ġwann Battista. Il-kavallieri ta' Malta li kienu jafu sew l-għaqda li kellha f'San Pawl, kienu għenu mhux ftit fit-tiswir tagħha, u għalhekk nistgħu ngħidu li l-għaqda tal-belt ħarġet fergħa minnha, mijiet ta' mili 'l bogħod minn artna.

Sa mill-ewwel żmenijiet l-imsieħba tagħha bdew jilbsu l-kunfratija bajda bil-muzzetta blù bil-kunsens tal-Isqof, u l-konsulti kienu jsiru fis-sagristija tal-knisja. Meta jmut ir-rettur kien jeħtieġ li jsir rikors għand il-Gran Mastru biex il-konsodali jkunu jistgħu jagħmlu l-elezzjoni u jagħżlu rettur ġdid.

Erba' u għoxrin skrapar mill-Belt u minn Bormla, ingħaqdu u ngabru taħt il-patroċinju ta' San Krispin u Krispinajnu fil-knisja ta' San Pawl, fis-sena 1607. L-għaqda tal-ispkrapar kienet ġa saret fil-parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu, u oħra fil-parroċċa ta' San Pawl tar-Rabat. Fis-sena 1756 kien sar konslu tal-iskrapar ċertu bejjiegħ tal-ġlud, u l-kumpanija kienet ħadet daqsxejn għaliha għaliex riduh li jkun skarpar bħalhom.

Għalkemm l-għaqda tan-nissieġa kienet teżisti sa minn żmien l-ewwel insara f'Malta, kif turi dik il-ġebla misjuba fir-Rabat, din kienet ħadet xejra ta' għaqda kif jixraq meta ngabru għad-dell ta' Sant'Agta fil-parroċċa tagħna wkoll, fis-sena 1804. Din l-għaqda qabel kienet fil-parroċċa ta' Bormla. In-nissieġa fil-belt kienu jaħdmu fit-triq tal-Masri, fejn twelidt jien, fit-telgħa ta' bejn it-triq San Ġwann u Triq Melita tal-lum, aħna ta' San Pawl ngħidulha t-triq tal-ark.

Kien hawn ukoll l-akkademja tal-pitturi, skulturi u nduraturi. Dawn kellhom altar dedikat lil San Luqa fil-knisja ta' San Franġisk ta' Putirjal, u l-istatut tagħhom kienu approvati mill-gran mastru Carafa fis-sena 1671.

Iż-żmenijiet li qegħdin nirrakontaw dwarhom kienu bil-bosta differenti mil-lum. Dak iż-żmien il-ħanut tal-parrukkiera kien ukoll spiżerija, u kont tagħraf li dak il-ħanut billi kien ikollu arblu mal-bieb, miżbugħ abjad u aħmar irrigati, qishom id infaxxata. Dawn fis-sena 1720, kienu ngħaqdu, u talbu lill-gran mastru Pereloos biex igħarraf-hom, u aktar tard kisbu altar fil-knisja ta' San Franġisk ta' Putirjal u ddedikawh lill-qaddisin Kosma u Damjan, imbagħad meta t-tobba intagħżlu mill-parrukkiera, dawn bdew jingħaqdu fil-knisja ta' Liesse, ix-xatt, u wara żmien marru fl-oratorju tal-Giżwiti.

Id-dvernari, u l-koki, għal ħabta tas-sena 1620, kienu ngabru taħt l-istandard ta' San Martin. Wieħed mill-istatuti tagħhom kien li nhar il-festa tan-nawfraġju, l-imsieħba tal-kumpanija ta' San Martin kellhom idoqqu l-qniepen tal-parroċċa, u wara żmien dabbru l-kappella ta' San Martin.

Kien hemm ukoll l-għaqda tal-ġjollieri, u dawn kellhom l-altar ta' Santa Liena fil-parroċċa ta' San Pawl ukoll. Hemm ħafna għaqdiet oħra x'insemmu, iżda ż-żmien ma għandniex. Dawn kienu l-għaqdiet li żammew kburi isimhom u isem Malta, għax fil-għaqda hemm is-saħħa. J'alla l-għaqdiet li għandna fi żmienna jissoktaw ikabbru isem dawk ta' qabilhom, f'ġieħ art twelidna.

**• tkompli minn p. 5**

hom. Fost il-funzjonijiet tal-NCB's hemm li jieħdu ħsieb jagħmlu xogħol ta' Pulizija f'pajjiżhom fuq talba ta' NCB ta' pajjiż ieħor, jirċievu talbiet għall-informazzjoni u verifiki mill-NCB's ta' pajjiżi oħra u jirrispondu hom; jagħmlu talbiet lil NCB's f'pajjiżi oħra għall-kooperazzjoni mitluba mill-qrati tagħhom jew servizzi ta' pulizija f'pajjiżhom u fl-aħħar illi l-Kapijiet tal-NCB's jattendu għal Assemblea Ġenerali biex jaraw li jiġu implimentati r-risoluzzjonijiet meħuda. In-National Central Bureaus għandhom id-dritt li jikkomunikaw direttament bejniethom, iżda, huma mistennija li jgħaddu kopji tal-korrispondenza lis-Segretarjat Ġenerali biex dan ikun jista' jilħaq l-għan tiegħu billi jiċċentralizza l-informazzjoni u jikkordina l-koperazzjoni.

Nittama illi permezz ta' dawn l-ewwel tlett artikli f'din is-serje, diġà ħadna ideja aktar ċara dwar l-Interpol. Inkomplu naqraw dwar din l-Organizazzjoni u l-mezzi li permezz tagħhom titwettaq il-koperazzjoni internazzjonali fix-xogħol tal-Pulizija, f'artikli li jmiss.

# L-ARMI TAL-PULIZIJA

***minn Edward Attard***

B'effett mill-1 ta' Jannar 1984 kien hemm tibdil fl-arma tal-Korp tal-Pulizija u dan wassalni nippubblika dan l-artiklu fejn jidhru wkoll ritratti u infurmazzjonijiet oħra dwar l-armi li kellu l-Korp f'dawn l-aħħar mija u sebgħin sena.

Kif kien intqal f'artiklu dwar l-uniformijiet tal-Pulizija, fl-ewwel żminijiet tal-Korp, il-Pulizija ma kienux jilbsu uniformi u naturalment lanqas brieret jew elmijiet. L-ewwel uniformi u naturalment L-ewwel uniformijiet x'aktarx dehru fl-1839 meta kienet tintlibes ġakketta twila u tomna li fuqha ma kienet titwaħħal l-ebda arma. L-istess ġara fl-Ingilterra u għalkemm il-Korp tal-Pulizija Ingliż twaqqaf fl-1829, l-ewwel arma dehret fl-1856 fuq l-elmu iswed li speċi tiegħu għadu jintlibes sal-lum.

## L-EWWEL ARMA

F'Malta għandna indikazzjonijiet li l-ewwel arma tal-Pulizija daħlet xi żmien wara l-1856 u kellha forma tonda, tal-metall, għalkemm miżbugħa sewda, bil-kliem MALTA POLICE FORCE madwarha u fin-nofs tagħha kienu jeħlu n-numri ta' identifikazzjoni tal-membru tal-Korp. Din l-arma kellha l-kuruna li kif jidher fir-ritratt hija kuruna tar-Reġina. Tajjeb wieħed igħid li matul iż-żmien li Malta kienet kolonja l-armi kollha kellhom il-kuruna, iżda din tvarja minn dik tar-re għal dik tar-reġina kif jidher aktar 'il quddiem. Għalkemm jeżistu xi ftit minn din ix-xorta ta' armi għand il-kollezzjonisti, iżda għadni qatt ma rajt xi ritratt, pittura, jew inċiżjoni fejn jidher xi membru tal-Korp liebes beritta b'din l-arma.

## IT-TIENI ARMA

Din daħlet x'aktarx fl-1878 u kienet tal-bronż u hija l-ewwel minn ħafna armi li għandha s-salib ta' San Ġwann (Eight pointed Cross) li se nibqgħu nsibuh kważi fost l-armi kollha li ġejjin.

Din l-arma kienet tintlibes fuq elmu abjad ta' għamla differenti



L-ewwel arma


It-tieni arma


It-tielet arma

milbus illum f'xi ċerimonji. L-arma hija tal-bronż ta' daqs ta' 8 cm b'6 cm u tiġbor fiha l-ewwel arma saħansitra l-istess kliem (Malta Police Force) u madwarha hemm, kif diġà ntqal, is-salib ta' San Ġwann. Fuq is-salib hemm il-kuruna li hija wkoll 'Queen's crown'. Infakkru li f'dawn iż-żmenijiet ir-Reġina Vittoria kienet ir-reġina ta' l-Ingilterra.

**IT-TIELET ARMA**

Din l-arma tixbaħ ħafna lil dik ta' qabilha iżda ta' daqs kemxejn akbar u ftit differenti wkoll. Wieħed josserva li bejn il-ponot tas-salib hemm erba' ljuni li jidhru biss f'din l-arma. Il-buttun tan-nofs maqsum fit-tnejn biex jindika l-bandiera Maltija u l-kliem huma Malta Police u tħalliet barra l-kelma Force. Il-kuruna, għalkemm dejjem tar-reġina, iżda ta' forma oħra minn dik ta' qabilha. Din l-arma x'aktarx daħlet fl-1884 meta l-Korp kellu kmandant ġdid, il-Kaptan Richard Casolani u t-treġija ta' Malta għaddiet ukoll taħt Gvernatur ġdid, Sir Lintorn Simmonds.

**IR-RABA' ARMA**

Din l-arma, fl-opinjoni tiegħi u ta' ħafna oħrajn, hija l-isbaħ arma li qatt kellu l-Korp kemm f'dak li hu disinn, daqs u manifattura. Din l-arma hija fuq stil vittorjan u x'aktarx dehret fl-1897 fil-ġublew (diamond) tar-Reġina Vittorja li kien ġie ċċelebrat b'pompa kbira fl-imperu Ingliż. F'din l-arma, li kienet tintlibes fuq il-capè (beritta żgħira), jidher għall-ewwel darba ċ-ċinturin jew il-garter madwar il-bandiera ta' Malta b'forma ovali u bis-salib ta' San Ġwann ukoll b'forma differenti minn dak fl-armi l-oħra. L-istess għamla ta' arma, iżda mhux ċatta u bil-buttun tan-nofs abjad u aħmar kienet tintlibes mill-fizzjali għolja tal-Korp. Barra minn dan, ta' l-istess forma, iżda x'aktarx tad-drapp irrakmati bil-ħajt tal-fidda, kien hawn il-'lapel' badges li kienu jintlibsu mill-fizzjali għolja tal-Korp.

Din l-arma jidher li kellha ħajja qasira, infatti ftit li xejn jidhru ritratti ta' Pulizija b'din l-arma għalkemm f'dak iż-żmien il-fotografija bdiet dieħla sew f'Malta.



Ir-raba' arma

**IL-ĦAMES ARMA**

Din hija l-ewwel arma li nsibu żewġ daqsijiet tagħha, peress li kienet tintlibes kemm fuq il-capè kif ukoll fuq l-elmu l-abjad. Jekk wieħed josserva sewwa din l-arma jsib li għandha ħafna minn dik ta' qabilha iżda madwar il-bandiera *Maltija* hemm il-kliem Malta Police mingħajr ebda fond warajhom. Iċ-ċinturin (garter) qiegħed kontra dak ta' l-arma ta' qabel. X'wassal għall-introduzzjoni ta' din l-arma ma nistax ngħid iżda x'aktarx li fl-1890, meta reġa' deher l-elmu l-abjad, riedet issir arma għad-daqs ta' dan l-elmu.



Il-ħames arma



Is-sitt arma

## IS-SITT ARMA

Din l-arma li mhux biss hemm tliet daqsijiet tagħha, jiġifieri għall-elmu, beritta u lapel u minn dawn insibu tax-xellug u tal-lemin, iżda hemm żewġ kwalitajiet ukoll; waħda tal-bronż u l-oħra tal-fidda. Fl-opinjoni tiegħi u ta' ħafna oħrajn din l-arma sfigurat dan is-sett sabiħ ta' armi. F'din l-arma b'forma ta' qalb nosservaw it-tibdil fil-forma tal-kuruna għar-raġuni li din bdiet tintlibes fl-1904 meta allura kien diġà hemm ir-Re Dwardu bħala re ta' l-Ingilterra. Din l-arma kellha ħajja twila u damet għal madwar għoxrin sena. Skond tagħrif li akkwistajt minn għand kollezzjonista tal-badges, l-armi tal-fidda saru f'Birmingham, l-Ingilterra f'dati differenti, jiġifieri ż-żgħar fl-1910 u l-kbar (ta' l-elmu) fl-1904. Din l-arma reġgħet intużat fi żmien it-tieni gwerra minn xi membri tal-Korp (ara Mill-Imgħoddi).

## IS-SEBA' ARMA

F'din l-arma li bdiet tintlibes mill-Pulizija b'effett mit-8 ta' fil-għodu tal-Ħadd, 4 ta' Frar 1923 reġa' deher l-'eight pointed cross' u ċ-ċinturin imdawwar mal-bandiera Maltija. Din l-arma wkoll hemm tliet daqsijiet tagħha, jiġifieri, helmet, cap u lapel u għal darba oħra bil-kuruna tar-re fuqha. Nosservaw li din kienet ta' għamla żgħira (fil-każ ta' dik tal-beritta) bħal dik ta' qabilha.

## IT-TMIEN ARMA

Din l-arma mhi xejn ħlief dik diġà msemmija milbusa fuq l-elmu biż-żieda tal-motto tal-Pulizija 'Domine Dirige Nos' li huwa l-motto wkoll tas-City of London. Din l-arma, għalkemm tal-bronż hija ta' lewn iswed u kienet titwaħħal fuq l-elmu iswed li kien jintlibes flimkien mal-Great Coat. Wieħed josserva li filwaqt li l-arma milbusa fuq l-elmu l-abjad għandha ċ-ċinturin jew garter mad-dawra, din l-arma m'għandhiex. Din l-arma, ibbanjata bil-kromju kienet u għadha titwaħħal mal-faldrappa taż-żwiemel tal-kavallerija.



**It-tmien arma**

## ID-DISA' ARMA

Din l-arma hija wkoll bħal dik ta' qabel, iżda mingħajr kuruna. Fl-1964 Malta ma baqgħetx kolonja u għalhekk tneħħiet il-kuruna mill-emblemi kollha Maltin. Għal xi raġuni, l-kuruna minn fuq l-arma tal-Pulizija tneħħiet madwar ħames snin wara u l-arma ż-żgħira (is-seba' arma) mhux biss saret żgħira ħafna, iżda tilfet il-proporzjon tagħha. Għalkemm tneħħiet il-kuruna minn fuq l-arma, l-istess kuruna baqgħet għal ħafna żmien tintlibes bħala 'insignia' mis-Surġenti, Surġenti Maġġuri u Suprintendenti u baqgħet tidher ukoll fuq il-buttuni. Iżda dan għad nitrattawh f'xi artiklu ieħor dwar il-buttuni u l-insignia tal-Korp.



**Is-seba' arma**



**Id-disa' arma**




Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 25287, 607707

THE POLICE FORCE
PROVIDES
# •PROTECTION
# •SECURITY

# PROVIDE THESE FOR YOURSELF OR YOUR FAMILY!

Talk to our Life Specialists at:

**MEDITERRANEAN INSURANCE BROKERS LTD,**
**P.O. Box 320,**
**Maison Demandols,**
**29/30 South Street – Valletta**



WE CAN ADVISE YOU ON ANY OF THE FOLLOWING LIFE ASSURANCE COVERS, SUCH AS ★**PROVISIONS FOR A DOWRY** ★**SAVING PLANS**

★**MORTGAGE PROTECTION ON YOUR LOAN** ★**PROTECTION FOR THE FAMILY FOR THE UNEXPECTED LOSS OF THE BREADWINNER.**

## L-GĦAXAR ARMA

Kif intqal fil-bidu ta' dan l-artiklu b'seħħ mill-1 ta' Jannar 1984 l-Korp żanżan arma ġdida li tixbaħ ħafna lil dik ta' qabilha u bil-motto ġdid 'Ad Commodum Populi' (Għal qadi tal-Poplu). Għall-ewwel darba, il-kliem fuqha huwa bil-Malti 'Pulizija ta' Malta'. X'kienu l-kummenti tad-dilettanti ta' arma dwar din l-arma ġdida? Kienet ideja tajba li l-motto tal-Korp jerġa' jibda jidher fl-arma kif jidher f'bosta mill-armi ta' Korp ta' Pulizija barranin u dan seta' sar bil-Malti. Ma nafx l-għala wkoll tneħħa ċ-ċinturin minn madwarha filwaqt li baqa' jidher fl-arma tal-buttuni. L-uniku kumment li smajt kien li setgħet issir xi ftit iżgħar, b'danakollu hija ferm aħjar minn dik ta' qabel. Sar tibdil fl-arma ta' l-elmu u kif jidher fil-kopertina t-tmien arma b'motto ġdid u kliem bil-Malti u naturalment mingħajr kuruna, ġiet riprodu-ċuta.

Nitlob il-qarrejja li jaraw ukoll ir-ritratt 'Mill-Imgħoddi' għaliex huwa ta' interess għad-dilettanti ta' l-armi.



L-għaxar arma

# Mill-imgħoddi



F'paġni oħra ta' dan il-maga-zine hemm artiklu interessanti dwar l-armi tal-Pulizija u fl-għeluq tiegħu hemm sejħa lill-qar-rejja biex jaraw dan ir-ritratt li għandu storja interessanti wa-rajh.

Ir-ritratt juri l-istaff li kien jieħu ħsieb lin-nies li kienu ġew internati fi żmien il-gwerra (1939-44). Dan l-istaff jinkludi membri tal-militar Ingliż, gwardjani tal-ħabs, uffiċċjali mediċi u membri tal-Korp tal-Pulizija (fuq nett) li l-arma li għandhom fuq il-beritta kienet ilha li nbidlet madwar sittax-il sena qabel. X'kienet ir-raġuni għal dan wieħed ma jistax igħid iżda x'aktarx li dawn il-pulizija kienu jagħmlu parti minn xi 'security branch' li twaqqaf fi żmien il-gwerra biex jieħu ħsieb dawn l-internati.

# DELEGATION

*by John de Gray*

**Definition**

Delegation may be defined as the channelling of work, coupled with corresponding amounts of responsibility and authority, from superiors to subordinates for effective execution.

'Delegate' comes from the Latin 'delegare' and means to trust or commit to some one else. The word is only used where the trust or commission is placed with the right to withdraw it. It therefore implies a level of control. Total abdication of responsibility and authority is not delegation.

Responsibility is the corollary of delegation; once authority is delegated the subordinate becomes responsible to the delegator for the proper exercise of that authority. Although responsibility has been created by delegation, the delegator has not divested himself of his own responsibility to his superiors. Responsibility, therefore, cannot be delegated.

**How to delegate**

When delegating authority, it is necessary for the limits of that authority to be clearly defined, preferably in writing, what is to be done and by whom. It is not always possible to define the field accurately.

The definition of the field of authority may be a full written specification, expressed verbally or established by custom. One must bear in mind that to delegate to the lowest competent level means economical delegation. Delegation is a continuous process and the delegator must keep himself informed about the work he has delegated. He must correct and explain errors as soon as possible, but without discouraging his staff.

The degree to which a man can successfully delegate to a subordinate depends upon the capability of the subordinate, the complexity of the work, and the importance of the decisions. Ideally, the degree of delegation should be expanded according to the subordinate's ability. Conversely, until the running-in process has been completed and the subordinate's capacity established, delegation should be restricted. During this period his object should be to get to know his boss's mind through informal contact.

It is not wise to allow a member of an organisation to derive authority from **two** superiors, as the exercise of those authorities may conflict. For this reason a simple chain of command in which one member has only one immediate superior is preferable. Delegation is influenced by span of control. The greater the span, the smaller the portion of authority which can be delegated to each subordinate, and the more complete this delegation has to be since there is less time available for the control of these subordinates.

**Why delegate?**

The reasons for delegation are numerous and varied and there I mention only some of the more important ones:

If a man and his subordinate are separated by distance it is necessary to delegate more completely, so that quick decisions may be taken on the spot;

When the superior is likely to be absent or working at different times of the day, delegation is essential;

It is essential that the same question receives the same answer at different times and places;

The work lead is greater than one man can cope with;

It enables decisions, in the main to be taken by those who are best suited to take them and closest to relevant facts;

Delegation develops staff and encourages initiative; (Delegation should therefore slightly over-extend the present capabilities of the staff)

To build morale by increasing job satisfaction and expressing the trust the superior has in his subordinate;

Finally, delegation provides a valuable method of training personnel to fill positions with considerable authority;

Thus a man can practise the exercise of increasing amounts of authority and responsibility as he is promoted. IF this is done adequately, there should be no difficulty in filling the top positions when the time arrives.

**Difficulties of delegating**

Many men who are competent in every other respect are unable to delegate. This failing is a barrier to their own progress, a frustration to their subordinates and a hindrance to their organisation.

The causes may be varied: –

lack of trust in their subordinates: the belief that they can do things better;

fear of rivalry; when one is afraid of someone else taking credit, or of admitting that others know more than them, or can do things better, or of a subordinate getting ahead too fast;

fear of loss of control over their subordinates, vanity and perfectionism.

Difficulties can also be caused by the subordinate. Intellectual arrogance may appear when a subordinate has academic qualifications and expects to by-pass his superior who has no such qualifications. Difficulties may also arise when the subordinate is older and more experienced though less able than his superior. In such cases he tends to resent and resist changes. Here the removal by transfer of the subordinate may be necessary.

**What to delegate**

A good manager should delegate anything that somebody else in his organisation can do better than him, by taking advantage of men with more knowledge and experience than him in certain aspects of work, or at less expense and with better timing. The less than ideal solution at the right time is better than the otherwise ideal solution at the wrong time.

On the other hand there are things which a manager must **never** delegate. These are things which only he can do; including overall policy, overall planning, selection, appointment and discipline of immediate subordinates.

**Conclusion**

Leadership is not either authoritarian or democratic. There are various possibilities: tells, sells, tests, consults, joins. The one selected will depend not only on the capabilities of the manager, but also on the type of subordinates he has and on the situation in which the decision is taken.

# Intervista ma' Joseph Vassallo – ex P.C. 498

Bħal pensjonanti ta' qabel li ġew intervistati għal din il-paġna, l-ewwel ma staqsejt lil Joseph magħrufa aħjar bħal Ġużeppi, x'kien jagħmel qabel ingaġġa fil-Korp tal-Pulizija.

Ġużeppi Vassallo, li huwa mill-Belt Valletta u joqgħod hemmhekk, wara li ħareġ mill-iskola kien imbarka fuq 'destroyer' Ingliża li kienet teskorta l-bastimenti fi żmien l-ewwel gwerra dinjija. Wara x-xogħol ta' baħri huwa ngaġġa suldat bħal xufier u wara taħriġ bħala xufier hawn Malta, huwa ntbagħat Salonika u diversi pajjiżi oħra fl-Ewropa.

Fl-1919 Ġużeppi ġie Malta u reġa' ngaġġa bħala suldat għal sentejn oħra f'liema żmien huwa mar l-Ingilterra fi żmien li strike tal-ferroviji. Mill-Ingilterra huwa mar Kostantinopoli.

Fl-1922 huwa ġie Malta u f'Settembru 1922 huwa ngaġġa fil-Korp tal-Pulizija. F'dan iż-żmien kienet tingħata preferenza lil dawk il-kandidati li riedu jingaġġaw fil-Korp u li kienu jservu fil-militar. Ġużeppi jiftakar li l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija kien in-Knights Hall fejn illum hemm Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Fi żmien li huwa daħal fil-Korp kien hemm il-Kummissarju Busuttil. Meta staqsejt lil Ġużeppi x'numru kien ingħata kif ingaġġa fil-Korp, huwa wieġeb li kien ħa n-numru 498, iżda meta kont qed infittex xi ħaġa dwaru f'Orders antiki tal-Korp, irriżulta li l-ewwel numru li kien ħa kien 813. Dan kien f'Settembru 1922 u ma' Ġużeppi kienu daħlu sbatax-il rekluta ieħor. Ftit taż-żmien wara, b'effett mill-1 ta' Novembru 1922, il-membri kollha tal-Korp, jew aħjar kif insejħulhom aħna, l-Other Ranks, ingħataw numri ġodda u hawn Ġużeppi ħa n-numru 498. Dak iż-żmien bħala 'other ranks' kienu jservu RSM, 85 Surġent u 451 Kuntistabbli.

Wara taħriġ fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Ġużeppi ħareġ għax-xogħol fuq il-beats tal-Belt. Id-Depot tal-Pulizija kien iservi wkoll bħala waħda mill-Għases tal-Belt u minn hemm il-Pulizija kienu jitilgħu jimmarċjaw biex jibdlu lil xulxin kif isemma' fl-intervista mal-ex Maġġur John Grech. Beat iebes li jiftakar tajjeb Ġużeppi kien in-No. 9, ħdejn tad-deheb. F'dawn iż-żminijiet il-Pulizija kienu jaħdmu l-għases maqsuma jiġifieri mill-4 a.m. sat-8 a.m. u minn nofs inhar sal-4 p.m.



ex-Kuntistabbli 498 J. Vassallo

Wara l-Belt, Ġużeppi ġie trasferit fil-Mounted Section meta din kellha l-istallel fi Strada San Kristoforo, il-Belt.

Illum hemm bini ġdid fejn fl-imgħoddi kien hemm dawn l-istallel peress li l-bini kien waqa' fil-gwerra. Ġużeppi qalli wkoll li missier il-mara tiegħu kien ukoll fil-kavallerija ħafna żmien qablu u għad għandu r-ritratt tiegħu flimkien ma' medalja li, jekk ma niżbaljax, hija l-'George Medal'.

Mill-Mounted Section Ġużeppi ġie trasferiet għall-Garage tal-Pulizija bħala xufier. F'dawn iż-żminijiet (fl-għoxrinijiet) minbarra l-karozza tal-Kummissarju, kien hemm vettura waħda biss li Ġużeppi jiftakar li kienet Sunbeam u li kienet tintuża biex iġorru l-priġunieri għall-qorti. Huwa jiftakar ukoll li kienu jmorru wkoll iġorru l-prostituti morda mill-isptar (Mgieret) għall-qorti. F'dan ix-xogħol Ġużeppi għamel xi sena u nofs mnejn intbagħat għal Water District.

Ġużeppi jiftakar sewwa l-Water fi żmien il-flotta Ingliża u fiż-żmien tal-ġlied bejn il-barklori. L-ewwel żminijiet tiegħu l-Water Ġużeppi kien xogħol fuq barra u wara beda jagħmel ix-xogħol tal-qorti fl-uffiċċju. Bħala fizzjali tiegħu jiftakar lis-Sur George Cachia u lis-Sur Vivian de Gray li t-tnejn spiċċaw bħala kummissarji u li t-tnejn kienu spetturi l-Water District.

• tkompli p. 19

# PARK, WALK AND TALK *by Philip H. Schnabel,*

***Chief of Police, Rocky Hill Police Dept.***

(FROM FBI FEB. 1983 MAGAZINE)

"I never see a police officer."

"The police are never there when you need them."

"The police zip by in their cruisers without even a passing glance."

How often have police administrators been subjected to such comments! Unfortunately, even though statistics and computer printouts illustrate that police are properly deployed and that cells are answered expanditiously, citizens remain uniformly unimpressed.

Balance a public disgruntled at what they perceive to be a lack of police presence with a cost-conscious city administration and what does the police chief face – grief, an impossible situation, being caught between a rock and a hard place. Police chiefs of departments in widely varying areas of the country are aware of the astounding similarity of citizen and city council dissatisfaction with the lack of police visibility. Yet, how do you increase police presence in the community without a massive depletion of the police budget? One such programme which bridges the gap between cruiser and foot patrol is "park, walk, and talk."

In most instances, a park, walk, and talk programme can be established and refined with dramatic results. However, failure and lack of effectiveness can also result.

The park, walk, and talk concept was introduced in the New York City Police Department because the commissioner had strong feelings about getting police officers out of their cruisers and into direct contact with citizens, especially in minority neighbourhoods. A "directed patrol" plan was formulated to take advantage of an estimated 70 percent of the average officer's uncommitted patrol time. The concept was launched with considerable publicity, and to ensure the programme's success, supervisors on patrol were deployed to guarantee officers compiled with the operation. Yet, several pitfalls developed. The directed times for foot patrol were often in conflict with calls for services. Officers in high-activity minority districts never had time to participate because they were continually dispatched on minor assignments. Within a short period of time the plan ceased to function through inattentiveness and lack of followup. In addition, since operational supervisors had no input in establishing the plan and had not been given a philosophical back ground on the plan prior to its implementation, many displayed a distinct lack of interest or indifference.

Police officers also believed they had been left out of the process. Yet, these officers were expected to create a new image for law enforcement through their personal interaction with citizens, many of whom were apathetic to any type of contact with the police.

There is no doubt that the commissioner's idea was an outstanding method for providing high police objectives. However, the key was to get the officers who were going to carry out the programme involved and interested in its success as well as in its development. The officers had to be convinced that the programme would benefit them personally, as well as gain support for larger objectives.

In a large department, development, coordination, and deployment in a park, walk, and talk programme is naturally difficult, but not insurmountable if given sustained attention and followup. To develop an effective programme in a smaller agency is considerably easier; however, the pitfalls faced are still present to a certain degree.

Line officers should be given an opportunity to voice their ideas and criticisms in the initial planning stage. They should be asked to suggest likely patrol areas for the park, walk, and talk concept, as well as times that such patrol activities could achieve the greatest possibility of effectiveness. Dispatchers should be familiar with the objectives of the programme and should interrupt assignments only for major calls.

Officers can participate in the evaluation of the concept, conveying what they perceive the reaction to their presence will be. Naturally, the caliber and professional orientation of the patrol officers in the department will affect the programme's effectiveness. If the agency has a significant number of militant officers, encouraging such individuals to interact with citizens on a personal basis may, in fact, result in a lowered level of community support. In such a case, there must be an intensive orientation programme for all officers. Unfortunately, many agencies will recognise such a problem as being applicable to their operation, but with better preparation, positive peer pressure will develop. Certain officer will still try to undermine the programme and use their expanded on-duty personal contacts with citizens to downgrade the department. However, informed, interested, and involved officers meeting.

A determination must be made as whether to structure patrol patterns rigidly or allow flexibility. Where the concept is initially resisted, the natural reaction of an administrator determined to see the plan succeed is to define time and area deployment precisely and to direct rigid supervision so that reluctant subordinates realise that the programme will succeed. Such a technique is actually counterproductive. Even though lapses may initially occur, it is far better to provide broad operational guidelines for the officers to follow. Some marginal officers may side by in the formative period, but as the programme becomes accepted and citizens expect to see officers in various locations, the officers themselves will begin looking forward to the increased attention the "line cop" receives from the public.

As the programme develops, citizens begin to look upon the police as fellow human beings, bot as dehumanised, insensitive individuals they may perceive them to be. Also, police officers

# SERVICE & SECURITY

*Middle Sea Insurance – Malta's first insurance company – is now offering a full and competitive service that covers most classes of insurance, including special policies for home owners and shopkeepers.*

*Entrust the things you value to the people you can trust, a Maltese company specialising in absolute security with efficient service.*

*Rely on its international experience.*





**Middle Sea Insurance Co Ltd**

Middle Sea House, Floriana. Tel: 626262



Forsi ilek ittella' u tniżżel li jkollok id-dar tiegħek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

**LHB LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel: 620412/3, 605013.**




# Puma Footwear Ltd.

**14, VILLAMBROSA STR., ĦAMRUN**

Manufacturers of High Quality

LADIES & GENTS

Fashion Shoes and Boots

in Real Leather

as well as

COMMERCIAL FOOTWEAR

to order

***Trade Enquiries Phone 26904***

# AGFA VIDEO

VHS Specially developed for the "Home Video System". The tape runs in "M" pattern around the video heads. To prevent excessive wear on the tape during high speed forward winding and rewind it is reeled back into the cassette.







The Agfa High Colour cassettes for VHS:

*VHS E 30/ 30 Minutes*
*VHS E 60/ 60 Minutes*
*VHS E 120/120 Minutes*
*VHS E 180/180 Minutes*
*VHS E 240/240 Minutes*

*Sole Agents:*

**ATTARD & Co., 67, South Street, Valletta.**

## Soap & Sponge Ltd.

GENERAL IMPORTERS
BATHROOM EQUIPMENT & CERAMIC TILES
137 Constitution Street, Mosta. Tel: 40915 – 492222




**DESIGN – STYLE – QUALITY**

•cont. from p. 16

regain the knowledge that the public is composed of persons who are sympathetic and supportive of the goals of professional law enforcement and increased benefits for "their" officers.

By increasing police visibility, the park, walk, and talk programme provides a measure for crime deterrence. More important, however, it increases a feeling of security in the average citizen where personal contact with the police may have never occured or which may have taken place in a negative setting.

Freedback should be encouraged. Comments should be sought from officers, supervisors, politicians, and the public. Merchants in the downtown area are particularly impressed and expressed support and appreciation for the programme. They credit the recent decline in shoplifting, harressment, and loitering to increased police presence in the business district. One proprietor stated, "There is more of a feeling of law and order downtown." Another commented that the walk and talk patrols make people feel safer. "The public's attitude has changed – they feel more secure." To date, the reaction has been uniformly enthusiastic, until some areas begin to note that their neighbourhood is not receiving the same coverage as others. It is important to keep the plan flexible and to consider such comments as constructive criticism. This dramatically illustrates that the objectives of the programme are being realised and that more people want to get involved. Increased coverage can be gained by paring time devoted to each location from 30 minutes to 15 minutes.

Another byproduct of the programme is reduced gas consumption. With the park, walk, and talk programme targeted at a minimum for 2 hours of foot patrol per 8-hour shift, there is a considerable reduction in fuel usage.

The strict admonishment with which every foot patrol officer is painfully aware – "Stay out on the street" – is not a desirable facet of the programme, but some restriction must be exercised. A recommended format is to divide the jurisdiction into business and residential beats, each of which should be covered by the patrol officer during his shift. On business beats, officers should be encouraged to visit with proprietors and customers in their establishments. However, on residential patrols, obvious complications could result from officers visiting citizens in their homes during various periods of the day. Therefore, as a general guideline, officers on residential assignments should not enter a citizen's residence without prior knowledge and approval of a supervisor.

To ensure success, supervisory personnel should be brought into the programme during the planning stage, as are patrol officers, and should be afforded considerable input prior to implementation. Supervisors must be assured that a flexible supervisory style is a critical element of the concept. Such flexibility might include allowing assignment time and are to be at the discretion of the officer, as long as the assignment is covered during designed portions of the shift. It may also be necessary to curtail part, walk, and talk assignments during inclement weather.

Of course, periodic evaluation of all aspects of the operation is critical to maintain enthusiasm and to take into account fluctuating community needs. A park, walk, and talk programme uses the knowledge and experience of officers involved, employs a flexible supervisory style, and encourages input from the officers and citizens. While subject to review and modification, it can "bridge the gap" not only between cruiser and foot patrol but also between police officers and the citizens they are sworn to protect.

# ATT TA' MIN IFAĦĦRU



WPC 45 M. Bonello

L-inizjattiva u l-kuraġġ ta' WPC 45 M. Bonello mgħejjuna min WPC 87 A. Darmanin wasslu biex raġel ġie mressaq quddiem il-Qorti akkużat b'serq ta' karozzi. Dan sar wara nċident li ġara fis-6 ta' Marzu 1984 meta dawn iż-żewġ Pulizija nisa, li jagħmlu parti mit-Taqsima tal-Muturi tal-Pulizija, kienu xogħol ħdejn l-Isptar San Luqa fejn osservaw karozza b'wieħed minnumri ta' reġistrazzjoni miktub fuq kartuna. Il-Pulizija nisa vverifikaw n-numru miktub fuq il-kartuna mal-liċenzja u nstab li ma jaqbilx u wara li vverifikaw mal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, rriżulta li l-karozza kienet misruqa. Saret għassa ma' din il-karozza fil-waqt li ġiet mitluba l-għajnuna ta' Pulizija oħra. Wara xi ħin, żagħżugħ deher dieħel fil-karozza u minkejja ordnijiet biex ma jsuqx, huwa saq il-karozza b'manjiera perikoluża bir-riżultat li WPC45 M. Bonello, li kienet quddiem il-karozza, ġiet milquta u mweġġa ħafif. Is-sewwieq tal-karozza wara ġie maqbud mill-Pulizija.

# MARINE FRAUDSTERS WAIVE THE RULES

**PETER GANNON – Former Chief Constable, Port of London.**
**Past President – International Association of Airport and Seaport Police.**

**PART II**

Time charter, hired for a period, or bareboat charter, for a given period with responsibility for crew provisions, and bunkering. Most charter parties are straight forward business arrangements, made along well tried lines. Much of trade has developed a standard charter party document suitable for its own purpose. Not all charterers are people with goods to transport, because in this, as in any other form of commerce, there are opportunities for profit available to the entrepreneur. Until 1970, one might have thought fraud with a bareboat charter most unlikely. The cost of chartering a vessel is very high, but in these days, it is becoming clear that the scale of maritime crime is much higher than believed, and funds are found to finance fraud on a massive scale. In 1979/80 one country reported losses of £30 million in charter party frauds.

Cargo theft in the marine fraud category is not the kind of pilferage one associates with losses taking place during the loading and unloading of vessels in ports. Cargo theft in marine fraud means misappropriation of the whole or part of the ship's cargo. The dishonest owner loads a valuable cargo, issues Bills of Lading to a nominated port, the ship is diverted to another port, the name changed with a paint brush, and the cargo discharged and sold at the quay side. The vessel will then sail, having put the name back, and the missing goods are placed in dispute. The loosers in most cases being the insurers. It is difficult to believe that this type of crime could happen in the 1980's but it does and frequently.

Linked with cargo theft is piracy, not by false documents but by armed raids on ships. Between 1980 and 1982, there were 30 cases of armed pirates in fast motor boats raiding vessels, holding up the crews and stealing vast amounts of cargo. These incidents were aminly in Africa and the Middle and Far East. Pressure has been put on the authorities in these areas to combat this crime with armed police patrols and fast motor launches, and this is having good effect.

Scutting is generally regarded as the oldest form of marine fraud "Willful casting away of a vessel". Early scuttlings were essentially Hull Frauds. Vessels in ballast or low value cargo – unsophisticated, a far cry from the present clever, cunning schemes culminating in the infamous but ingenious case of the supertanker "Salem". This $35 million fraud took place in December 1979 and was the largest fraud in history, hitting the headlines world wide. The story is well known, the group of fraudsmen purchased the Salem, oil which had not been paid for was loaded at Kuwait, and then illegally sold to the South Africans in Durban. It was then alleged that the vessel and the cargo sank in the deep waters of the Atlantic.

Statements were taken from crew members to support the scuttling, stating that certain plates and covers had been removed from the Salem before she sank. The captain denies taking the ship into Durban, but the South African authorities admit buying the oil which was enough to keep the Republic going for 12 days. The perpetrators, who got away with $35 million are known to the authorities, but because of extradition problems are most unlikely to be arrested or prosecuted. Where this case made headlines with the press and TV, other suspected scuttlings mainly in the Far East, hardly receive mention. Vessels suspected of deliberate scuttling are usually 15 or more years old, the propert of small operators, and sailing under a Flag of Convenience.

Flags of Convenience, when under discussion, often develop with overtones of a sinister kind. It has been suggested that if such 'Flags' were abolished, so would crime associated with carriage of goods by sea. Some support for this view may be gained from an analysis prepared by a leading cargo underwriter, of 52 known deliveries or mis-deliveries of cargo:

"An analysis of the 52 cases involved shows an interesting situation:

A. BY FLAG: Cyprus – 11 cases; Greece – 24 cases; Liberia – 2 cases; Panama – 15 cases.

B. BY AGE: 0-15 years – 9 cases; 15-20 years – 14 cases; 21-25 years – 17 cases; 26-30 years – 10 cases; 31-35 years – 2 cases.

C. BY GROSS: 501-2,500 – 5 cases; REGISTERED: 2,501-5,000 – 10 cases; TONNAGE: 5,001-7,500 – 15 cases; 7,501-10,000 – 16 cases; 10,0001 and over – 6 cases.

Nearly all the cases where Panama flag vessels were concerned are in respect of onwership registered in the Far East. None of the reported cases can be attributed to vessels complying with the new 'regular pattern of trading' wording in the rems of the new Classification Clause or the so-called 'Liner' trading definition of the previous clause."

Over the past 20 years, terrorism involving ships and ports has been on the increase. Although not connected with maritime fraud, it is a very serious and disturbing problem. One associates terrorism with Embassies and airports. It is interesting to note that during the past two years, terrorist groups seized 14 ships, many attacks were by explosive devises, as a result, nine people died, over 60 were wounded and in most cases persons were kidnapped. A ship is the ideal base for terrorists When the gangway is up, the ship becomes a fort, self-contained for weeks with food, water and

•cont. p. 21

# The good sense of a Mid-Med Cheque Book

Mary and John have their own current account and their own Mid-Med Bank Cheque Book.

They see a lot of sense in having their salaries transferred directly into their account.

They pay their bills by cheque and have instalments and some other fixed periodic payments paid regularly through the Bank.

They also feel much safer carrying a Mid-Med Cheque Book than carrying cash.



**Have the good sense of a Mid-Med Cheque Book.**

Open a Current Account with one of the Mid-Med branches spread throughout Malta and Gozo.

Mid-Med Bank Limited
Reliability and Efficiency

# THE NEW HYUNDAI

# pony



## a new look all round





HYUNDAI MOTOR COMPANY

Local agents for Hyundai cars
Meridian Enterprises Co. Ltd.
Showroom 207 Marina Street,
Pieta. Tel: 25362

# L-ITTRI TAGĦKOM

•tkompli minn p. 15

Fi żmien it-tieni gwerra dinjija, Ġużeppi, bħala ex-army, ġie stazzjonat fi skwadra ta' Pulizija li dejjem kienet tkun lesta għal dawk li jinżlu Malta bil-parachutte. Fi żmien li serva ma' din l-iskwadra huwa ma jiftakarx li niżlu xi suldati ta' l-għadu, iżda darba minnhom huma ġew imsejjħin wara rapport li raw lil xi ħadd niżel bil-parachutte fl-inħawi tal-Blata l-Bajda iżda, minkejja tfittxija li kienet saret f'dawk l-inħawi, ma kien instab ħadd.

Wara l-gwerra Ġużeppi kien issejjaħ xhud fil-każ ta' dawk il-Maltin li kienu baqgħu l-Italja fi żmien il-gwerra u li kienu għaddew ġuri. F'dan iż-żmien huwa kien reġa' beda jservi fil-Water District. Xogħol ieħor li għalkemm mhux ta' spiss, iżda li kien ta' dwejjaq għall-pulizija tax-xatt kien meta kien jaqa' jew jaqbeż xi ħadd minn fuq il-barrakka ta' fuq. Ġużeppi jiftakar diversi każijiet ta' dawn l-inċidenti u jiftakar ukoll meta splodiet kamra fejn kien hemm il-ġelatina, f'Lascaris.

Wara li ħareġ mill-Pulizija wara aktar minn sitta u għoxrin sena servizz, Ġużeppi beda jaħdem bħala checker ma' l-aġenti tal-vapuri Sullivan mnejn wara mar bħala pajżan mal-militar. F'dan l-aħħar post huwa ħadem għal madwar tmien snin mnejn mar jaħdem ma' Scicluna's Bank għal madwar ħdax-il sena meta rtira għal kollox mix-xogħol. Illum Ġużeppi jgħix fil-Belt ma' waħda minn uliedu u ftit li xejn joħroġ mid-dar. Huwa madankollu jħobb jattendi għal 'get-together' li torganizza l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti u huwa kien wieħed fost dawk li attendew dan l-aħħar get-together.

Minn dawn il-kolonni nawguraw lil Ġużeppi Vassallo għomor twil u memorji sbieħ dwar il-ħajja tiegħu fil-Korp tal-Pulizija.

## JUM IL-PULIZIJA

Nirreferi għall-editorjal tal-ħarġa ta' Il-Pulizija Jannar/Frar iddedikat lil JUM IL-PULIZIJA. Jiena llum pensjonant wara li servejt aktar minn ħamsa u għoxrin sena u mhux biss naqbel ma' dak li nkiteb f'dan l-editorjal iżda nixtieq ngħid ukoll li fl-imgħoddi l-pulizija kienu jiċċelebraw din ix-xorta ta' ġurnata fil-festa tas-Salib. Ġurnata bħal din jidhirli li hija ċċelebrata minn diversi korpi ta' Pulizija barranin u fl-Italja l-Viġili Urbani jiċċelebraw il-festa ta' San Bastjan bħala l-patrun tagħhom. F'Malta minn dejjem konna neqsin minn dawn l-affarijiet li żgur għandhom effett fuq il-moral tal-Korp. Nittama li minn din is-sena, għeluq il-170 anniversarju tal-Korp, jingħata bidu biex kull sena jiġi ċċelebrat Jum il-Pulizija.

## ĦINIJIET TA' XOGĦOL

F'xi ħarġa ta' 'Il-Pulizija' deher et ittra dwar il-ħinijiet tax-xogħol tal-Pulizija kif inhuma llum, jiġifieri, mill-5 a.m. sas-1 p.m. eċċ. u l-kittieb jidher li jaqbel ma' dawn il-ħinijiet. Jiena wkoll wieħed li naqbel ma' dawn il-ħinijiet iżda ma naqbilx mas-sistema tax-shift tan-night, second first għarraġuni li ma għandekx mistrieħ sewwa meta l-aktar li għandek bżonnu, jiġifieri wara n-night watch. F'xi taqsimiet oħra tal-Pulizija kien hemm roster ta' first, second u night watch u dan jagħti ħin ta' mistrieħ sewwa wara night watch. Jista' wkoll wieħed jikkonsidra s-sistema ta' ħames night watches wara xulxin, ħames second watches u ħames first watches.

Nitlob lil dawk li għandhom xi suġġerimenti dwar il-ħinijiet tax-xogħol biex jiktbu lill-editur ta' dan il-magażin.

•cont. from p. 2

vomit, blood-stains or other suspicious articles. As far as the dead body is concerned, the expression and colour of the face, the position of the hands, the condition of the body-clothing as to tears and stains, the degree of rigidity or putrefaction and the presence of wounds should also be thoroughly observed. In view of this, it is therefore highly improper, to say the least, to remove the body or tamper with it before the magistrate conducts his on-the-spot inquiry or the **levée du corps** is carried out. In some instances it may well happen that unless certain tests are carried out during this examination, some very important data will be irretrievably lost. All investigating officers, be they police officers or medical experts or otherwise, are to be at all times fully aware of what is expected of them. Only in this way are the chances of any evidence being lost or destroyed considerably whittled down.

All the relevant material evidence gathered by the inquiring magistrate will form an integral part of a written comprehensive report drawn up by the said magistrate. This report is called the **procés-verbal**. This record of the inquest would also contain the various reports and documents submitted by the various judicial and technical experts appointed during the inquest as well as the findings of the inquiring magistrate. It is transmitted to the Attorney-General within three working days of its being drawn up in written form. It should finally be noted that the **procés-verbal**, if regularly drawn up, is deemed as evidence in a trial in that it is regarded as having a probative force.

**SOURCES OF REFERENCE:**

**Criminal Code**. Chap. 12 of the Rev. Ed of the Laws of Malta.

**Forensic Medicine**, Keith Simpson, London, Arnold.

**Text-Book of Forensic Medicine and Toxicology**, R.J.M. Buchanan, Edinburgh, E. & S. Livingstone.

● Minn kif jidher fil-Paġni Sportivi ta' dan il-magazine li sports, b'mod speċjali l-futbol, reġa' ħa spinta fost il-Pulizija. Il-league bejn id-distretti daħħal ukoll dik iċ-ċerta rivalità sportiva bejn team u ieħor. Dan juri wkoll li hemm ħafna nies sportivi fil-Pulizija u għalhekk nappella lil Kumitat tal-Police Club biex fil-proġett li qed isir bħalissa fil-Club isiru l-faċilitajiet possibbli biex dan il-post ikun ukoll ċentru sportiv kemm għall-Pulizija kif ukoll għat-tfal tagħhom.

# Żjara tal-Grupp Mużikali tal-Pulizja f'Ivrea

Għat-tielet sena, l-grupp mużikali tal-Pulizija ġie mistieden biex jipparteċipa fl-attivitajiet għal żmien il-Karnival f'Ivrea li jiġu ffestiġġati b'pompa kbira bejn l-1 u s-7 ta' Marzu. Il-grupp mużikali tal-Pulizija ġie mistieden l-ewwel darba fl-1982 u wara l-wirja tajba ta' dik is-sena, s-Sindku ta' Ivrea, Sig, Roberto Fugo, kif ukoll il-kumitat organizzattiv tal-karnival, reġgħu għamlu din l-istedina.

Il-membri tal-grupp mużikali tal-Pulizija ħallew Malta għal Ruma nhar it-Tnejn 27 ta' Frar. Minn Ruma huma baqgħu sejrin bil-ferovija sa' Turin fejn malwasla tagħhom hemmhekk, sabu lil Sig. Michale Raio jistennihom.

Il-festi tal-karnival bdew il-Ħamis meta s-Sindku ta' Ivrea għadda l-poteri tiegħu f'idejn il-General tal-Karnival li dan flimkien ma' mara sabiħa msejjħa Mugnaia, ikunu responsabbli mill-karnival. Għal din il-mara sabiħa biex tagħmilha ta' Mugnaia tiswiegħa madwar tlieta jew erba t'elef lira Maltija.



Il-Grupp Mużikali tal-Pulizija flimkien ma' PulizijaTaljani f'Ivrea.



Membri tal-Grupp Mużikali tal-Pulizija flimkien mal-Ġeneral tal-Karnival u l-Ajjutant tiegħu.




**GIRMI ELECTRIC DOMESTIC APPLIANCES**

manufacture

appliances for the kitchen
appliances for the household
beauty care equipment

- after sales service
- spare parts always in stock
- available from leading household stores

*Sole Agents and Distributors:*

**G. Grech & Bros. Ltd.,**
33-336 Fleur De Lys Rd.,
Birkirkara
Tel: 41738.

**Better Shop at:**

# CLAVIS

7, Republic Str., Valletta Tel: 626869
41, Tower Road, Sliema Tel: 35920

If you want good value for your money or even some Jewellery for Investment purposes.

If you are buying an Engagement ring buy her a nice one because you will be faced with it all your life.

As for the Wedding Rings bring her along, so that you will not do anything wrong.

**BRING THIS CARD WITH YOU AND GET 10% DISCOUNT**

**SHARE OUR LUCK, SHOP AT CLAVIS.**

# AIRMALTA

## Fly Away Tours

## NOW AN EVEN WIDER CHOICE



ROME – from Lm113



MUNICH – from Lm156



AMSTERDAM – from Lm165



CAIRO – from Lm168



LONDON – from Lm138

**Your holiday** is now more accessible! **Through** our Flyaway Tours to five destinations, you have an even wider choice at prices you can afford.

Tours include:

* Return air passage
* Hotel accommodation
* Continental breakfast
* Sightseeing tours (except London)
* Service charges and taxes
* City information including maps.

And if you choose London, our tour also includes a shopping discount card, a four-day London Transport ticket with Heathrow transfers, a £3.00 discount voucher for a theme evening, three consecutive days of car hire free of daily charge, and an invitation to visit the Diamond Centre.

(Prices quoted are per person in twin rooms)

Yes! Travel is affordable! But besides making your trip affordable we can help you to make it memorable. By giving you direct flights, we can save your trip from dissolving into a kaleidoscope of train stations and crowded moments. And your holiday starts the moment you step on board our comfortable Boeings, where you are assured of the friendly and efficient service you have become accustomed to.

So take a break.
Buy an AirMalta Flyaway Tour.

For reservations: Your travel agent or AirMalta offices in Valletta, Sliema or Luqa Airport.

Kif f'Malta jintefgħu, jew aħjar kienu jintefgħu l-perlini, f'Ivrea jintefa', fi kwantitajiet kbar, larinġ minn gruppi ta' nies msejjħa Aranceri. Dawn jagħmlu wkoll kompetizzjonijiet bi tfiegħ tal-larinġ li jinġieb minn Sqallija f'containers' kbar għall-okkażjoni. Tant jintefa' larinġ, li t-toroq ewlenin ikunu miksija larinġ mifqugħ.

Il-Ħamis, 1 ta' Marzu l-Pulizija żaru s-Sindku ta' Ivrea, Sig. Roberto Fugo u l-Viċi-Sindku, Sig. Fiovenzo Grijuela fil-Municipio. Waqt din il-laqgħa jew mibdula rigali ta' tifkira. Din il-laqgħa ġiet irrapurtata fil-ħarġa tal-gazzetta Taljana, La Sentenella de Canavase flimkien ma' ritratt tal-grupp mas-Sindku.

Il-Ħamis il-grupp mużikali tal-Pulizija ta' l-ewwel programm tiegħu f'Gala Dinner Dance fi Franza Restaurant fejn attendew diversi persuni distinti. Programmi oħra ingħataw l-għada l-Ġimgħa f'Muriaglio u s-Sibt waqt Gala Dance fit-Tejatru Ċiviku G. Giacosa, fejn il-grupp daqq ma' l-orkestra Taljana ta' Vanni Catellani. Il-Ħadd waqt id-defile tal-karnival, il-grupp ta' programm fi Piazza Aldo Balla.

It-Tnejn, 2 ta' Marzu l-grupp ġie mistieden iżur il-Kwartieri Generali tal-Pulizija ta' Ivres fejn ġew milqugħa mill-Kummissarju, Dottor Calesini. Żjara oħra saret fil-Kwartieri Ġenerali tal-Carabinieri f'Ivrea fejn ġew ukoll ipprezentati xi emblemi tal-Pulizija u l-Pulizija Maltin ingħataw ukoll tagħrif dwar kif taħdem it-taqsima tal-Carabinieri f'Ivrea. Saret ukoll stedina biex jiġi rrekordjat programm ta' nofs siegħa għat-television (Tele Ivrea) u l-membri tal-grupp mużikali attendew ukoll waqt wieħed mir-'recordings' tal-programm famuż tal-Canale 5 'Super Flash'. Kien ipprogrammat li waqt dan ir-'recording', il-preżentatur tal-programm jiġi wkoll ppreżentat b'xi sett emblemi tal-Korp tal-Pulizija, iżda dan għal xi raġuni ma sarx waqt il-programm.

Meta temm l-impenji tiegħu ġo Ivrea, l-Grupp mużikali tal-Pulizija ġie ppreżentat minn plakka sabiħa bħala tifkira. Malwasla tagħhom f'Malta huma kellhom kliem ta' tifħir għal mod kif ġew milqugħa f'Ivrea u għall-apprezzament li ingħataw wara kull programm li huma taw.



**Mike Bongiorno jiġi ppreżentat sett emblemi tal-Pulizija**

• cont. p. 18

communications. During my service as the Chief Constable in the Port of London Police, we carried out excercises with specialist troops in the U.K. and abroad in an attempt to take a ship that had been seized and well-planned by mock terrorists. From the protection of armour, views from port holes, obstacles from masts, aerials, wires, and dekc obstructions, it was found to be most difficult, nearly impossible to take the ship from air, quay or water side. Contingency plans by police, port authorities and shipping are now well laid in this directions.

Fraud prevention is the key as one can gather, detention and prosecution are most difficult. Therefore, all parties should protect themselves by taking extreme care when dealing with unknown persons. A cargo owner should deal with respectable ship owners and charterers. Check with Lloyds' Register and Lloyds' Lists to establish class and capacity. The correct port at th etime, and above all if the freight rate is too attractive. The single owner, age of the ship, the type of cargo and destination should also be closely studies. All sections of the marine industry should tighten procedures. Banks should encourage use of the Lloyds' Register, Shipping Index, check ownership, size and position of vessel at the time the Bill of Lading is dated. Documentary credit operations should be computerised and brought into line with modern business methods. We have seen headlines in our national newspapers such as:

"If banks were using their own money, they would have a different system." and also,

"Bankers' blindness." In the right against maritime fraud, these are being explored by goverments, banks, shipping, insurance, commerce and police, during which time, maritime fraud will continue to flourish.

Some unsuspecting shipping or insurance or representative will be working away in his city office, while others are on their way to their homes, and a telex machine will chatter out this type of message:

***"M/V SPACE ARRIVED DESTINATION — CONSIGNED AS LOCKER CARGO — 4 CASES OF SOLID GOLD BRACELETS — ON CUSTOMS' EXAMINATION IN PORT, FOUND TO CONTAIN BRACELETS OF YELLOW METAL. PLEASE ADVISE."***

# Mill-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija

Bħal ma tafu, fl-aħħar Konferenza Ġenerali ġie propost 'Benevolent Fund' biex iservi ta' benefiċċju għall-membri. Aħna qed nipprovaw li nsibu xi forma prattikabbli biex tingħata xi għajnuna lill-membri sħabna.

Aħna nafu li ż-żminijiet tallum mhux għalkemm tikkontribwixxi finanzjarjament u din kienet ir-raġuni li ma ġie ssuġġerit l-ebda kontribuzzjoni, biex il-membri jkunu jistgħu jibbenefikaw minn din l-Iskema, iżda bi ftit sforz minn naħa tagħna nistgħu nkunu ta' għajnuna, biex jiġi offrut xi xorta ta' benefiċċju għal anqas f'każi speċjali.

Imħeġġin mis-suċċess li ksibna mill-lotterija tal-Milied u fuq talba ta' diversi membri, qed tiġi mnidija l-Lotterija ta' l-Għid li l-biljetti diġà bdew jitqassmu. Għalhekk nappella lill-membri kollha biex jidħlu fl-interess għall-bejgħ tal-biljetti biex din tirnexxi. Bħal ma tafu, l-qliegħ flimkien ma' attivitajiet oħra jmur kollu għal din l-Iskema.

Nieħu pjaċir ninforma lill-membri li x-xogħol fuq ir-regolamenti u l-benefiċċji ta' din l-Iskema qegħdin fi stadju avvanzat ħafna, fejn nisperaw li tibda tiffunzjona f'qasir żmien.

ALFRED DEBATTISTA
P.R.O.

Siltiet ta' ittri mibgħuta mill-membri:-

EX INSP. F. TESTA – Jiena nħossni kburi li ġejt imsejjaħ biex nagħti dan il-kontribut, anki jekk huwa nsinifikanti, għal skop hekk nobbli u nħoss id-dover li nfaħħar lil dawk kollha li qed jaħdmu bil-għan li dan li skop jirnexxi.

EX PC. V. FARRUGIA – Huwa ta' sodisfazzjon għalija li nista' nservi ta' ġid lil sħabi Pulizija Pensjonanti. Nieħu din l-okkażjoni biex nifirħilkom ta' dan il-ġest tajjeb li wieħed jiftakar fi sħabna l-Pulizija Pensjonanti.

Silta mir-Rapport Amministrattiv li nqara fil-Konferenza Ġenerali li saret fis-27/11/83.

Diversi delegazzjonijiet iltaqgħu ma' Ministri u Kapijiet tad-Dipartimenti. Delegazzjoni mill-Kummissjoni Morda marret tiddiskuti ma' l-Għaqda ta' l-Inkapaċitati 'Speranza' Santa Venera, rigward il-pensjonanti nkapaċitati li għandna fl-Għaqda. Id-delegati jiddispjaċihom li dawn id-diskussjonijiet, għal ċerta raġuni, ġew xolti.

Delegazzjoni oħra mill-istess Kummissjoni kellha laqgħa mal-Ministru tas-Saħħa Dr. V. Moran, rigward il-kumpless li hemm fl-Isptar Ħas-Serħ, fejn l-Għaqda għamlet enfasi biex il-membri li jgħixu weħedhom, ikunu jistgħu jiġu aċċettati f'dan il-kumpless u biex il-pensjonanti morda li hemm f'dan l-Isptar jiġu mqegħda f'Ward wieħed. L-Għaqda ġiet aċċettata wkoll bħala membru fil-'Welfare Committee' maħtur mill-Gvern li jieħu ħsieb jamministra l-Fondi kollha li jiġu miġbura minn fost l-anzjani li jkunu rtirati f'dawn l-Isptarijiet.

Delegazzjoni oħra kellha laqgħa mal-Ministru tas-Servizzi Soċjali Dr. K. Mifsud Bonnici. Il-laqgħa kienet kordjali ħafna. Il-proposti li kienu mressqa quddiem il-Gvern ġew imsemmija waqt id-diskussjoni.

Saru laqgħat mal-Kumm. tal-Pulizija Dr. L. Pullicino, LL.D., fejn ġew diskussi diversi suġġetti li jolqtu lill-Għaqda tagħna.

PRESIDENT LORRY MUSCAT – inħoss li għandi nirringrazzja lill-membri bħal dawn għax inħoss dak is-sodisfazzjon għall-kummenti sbieħ li saru minnhom, u żgur huma ta' apprezzament u ta' nkoraġġiment għal min għandu għal qalbu l-Għaqda tagħna.

PRO. A. DEBATTISTA – Jiena ningħaqad mal-President biex nirringrazzja lil dawn il-membri u lill-membri kollha li taw l-għajnuna tagħhom biex il-'Benevolent Scheme' jirnexxi, għax nies bħal dawn jimlewna bil-kuraġġ biex inkomplu naħdmu u ntejbu l-pożizzjoni tal-pensjonanti sħabna.

UFFIĊĊJU PRINĊIPALI – Għalkemm l-Uffiċċju tagħna ġie mwaqqa mħabba r-rikosstruzzjoni, xorta għadna nagħmlu użu mill-klabb bħala uffiċċju, li jkun miftuħ kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis, bejn id-9.30 a.m. u l-11.30 a.m.

SĦUBIJA – Il-Kunsill għamel ħiltu biex ikabbar is-sħubija. Ħa l-inizjattiva biex jiftaħ fergħa f'Għawdex u bil-koperazzjoni tas-Supt. N. Cutajar, ipprovdilna lista ta' pensjonanti li jixtiequ jkunu membri. Għalhekk meta jkun iż-żmien opportun l-Uffiċjali tal-Kunsill għandhom imorru Għawdex, biex jorganizzaw din il-fergħa Għawdxija.

SUĠĠERIMENTI – Il-Kunsill jilqa' suġġerimenti u lmenti biex jiġu diskussi fil-Kunsill. Dawn għandhom isiru verabli jew bil-miktub, fl-Uffiċċju Prinċipali.

GĦELUQ – F'dan ir-rapport rajna l-inizjattiva li ħa l-Kunsill biex jiddiskuti l-problemi, proposti u ilmenti li ġew imressqa mill-pensjonanti, iżda mhux dejjem kellna riżultat mixtieq. Nagħlaq billi nirringrazzja lill-Kumm. tal-Pulizija Dr. L. Pullicino LL.D., lill-President L. Muscat, lis-Supt. N. Cutajar u lill-Membri tal-Kunsill b'mod speċjali lill-PRO A. Debattista u J.M. Borg li kollha taw l-għajnuna tagħhom biex din il-ħidma tirnexxi.

KUMMISSJONIJIET – Il-Kumm. Entertainment u l-Kumm. Morda, matul is-sena organizzaw diversi attivitajiet. Ir-rapporti tagħhom jidhru f'ħarġa oħra.

Il-Kumm. Sports tkellmet mal-Kumitat tal-Klabb biex fil-klabb ikun hemm pitch tal-boċċi. Il-Kumitat laqgħa l-proposta u flimkien mal-KUmm. tal-Pulizija taw l-approvazzjoni tagħhom.

Il-Kumm. Klabb flimkien mal-Kumitat tal-Klabb iddeċidew li fil-waqt li jkun qed isir ix-xogħol tar-rikostruzzjoni, il-klabb jibqa' jiffunzjona.

# CROSSWORD

**MIMDUDIN:**

3. Iqqabbiżlek id-dmugħ
8. Makna
10. Jaħdem fuq vapur
11. Fejn noqogħdu
12. Inpoġġuh fl-art
13. Passaġġ
15. Ħaxix niexef
18. Ikħal
19. Tintlibes fis-sieq
21. Bdielt
22. Mawra
23. Mod
24. Ħafna bħal Nru. 17
26. Preċiżi
29. Ħuġġieġa
31. Fittaġni
32. Ħut għaref ħafna
34. Immira tajjeb
35. Distanza
36. Tfal żgħar
37. Dan dejjem ħażin
38. Minerali artab

**WEQFIN:**

1. Diċenza
2. Isem ta' raġel
4. Kmand
5. Post fejn hemm il-bini
6. Ilsien mejjet
7. Mietitlu l-mara
9. Rabba l-ġwienaħ
12. Gzuz fuq xulxin
14. Sparatura
16. Itajru l-ajruplani
17. Tagħmel l-għasel
19. Mingħajr kontroll
20. Dawwar
21. Ma baqgħax jaħdem
23. Mhux tas-soltu
24. Pajjiż viċin
25. Artiklu
27. Annimal tat-triq?
28. Ma tobgħodx
30. Hekk ngħidu fuq it-telefon
32. Imla toqba
33. .... Martini, kantanta Taljana






# RIŻULTAT TAL-CROSSWORD TAL-ĦARĠA JAN/FRAR 1984

## SOLUZZJONI

**Mimdudin:**

1. Pastas
4. Xufier
8. Sellem
11. Slaten
13. Filippini
14. Skritt
16. Rieqed
18. Iva
19. Suffle
21. Tellar
24. Ballerina
28. Spanja
29. Amorin
30. Inkina
31. Patata

**Weqfin:**

1. Pespus
2. Self
3. Abel
5. Umli
6. Inti
7. Ronald
9. Liri
10. Mittiekla
11. Sparatura
12. Anke
15. Kju
17. Eva
19. Spissi
20. Fran
22. Kino
23. Rwanda
24. Bank
25. Ljun
26. Imla
27. Arma

## SOLUZZJONI (Tat-Tfal)

**Ħarġa Jan/Frar 1984**

**Mimdudin:**

1. Seftura
3. Galletta
6. Ħin
7. Qoxra
8. DIK
10. Ara
11. Drapp

**Weqfin:**

1. Sigarru
2. Artna
4. Eħxen
5. Tir
7. Qasira
8. Dar
9. Kap

**Ibgħat il-Crossword. Hemm rigali għar-rebbieħa.**

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Marzu ġiet organizzata ħarġa ta' ġurnata għat-tfal tal-membri tal-Korp liema ħarġa kienet ilha tiġi mwiegħda lit-tfal għal ħafna żmien iżda l-organizzaturi ħallew għal Marzu bil-għan li ma niddiżappuntawx ruħna bit-temp. Il-ġurnata tal-11 ta' Marzu nzertat bnazzi mill-isbaħ għalkemm sa ġurnata qabel kellna ħafna maltemp. Il-ħarġa kellha ssir xorta waħda anke fil-maltemp għaliex il-post fejn ittieħdu t-tfal hemm fejn dawn setgħu jilgħabu fuq ġewwa.

Sittin tifel u tifla nġabru ħdejn il-gabbana tal-Pulizija jistennew bil-ħerqa l-coaches tal-Pulizija li fid-9 am telqu għal Għajn Tuffieħa fejn qabel kien kamp militari tas-servizzi. Għat-tfal, ixxalata bdiet mat-tluq mill-belt għaliex dawn ħadu pjaċir matul it-triq twila b'mod speċjali meta coach tgħaddi lil oħra.

Mal-wasla f'Għajn Tuffieħa t-tfal bdew dak li naturalment ġew ippreparati għalih u min beda jilgħab il-ballun, oħrajn jiġru wara xulxin, min jaqbeż il-ħabel u ħafna logħob ieħor. Ma' dawn it-tfal kien hemm il-helpers li wħud minnhom qagħdu jindukraw it-tfal filwaqt li oħrajn bdew mill-ewwel jippreparaw l-ikel għat-tfal.

Għal ħabta ta' nofs in-nhar it-tfal bdew jieklu mill-ikel provdut għalihom mill-canteen tal-Pulizija. Ikel kellhom kemm riedu għalkemm uħud minnhom kien moħħhom fil-logħob u mhux fl-ikel.

Wara l-ikel it-tfal ittieħdu passiġġata sa ħdejn il-knisja tal-Manikata fejn ittieħdu xi ritratti. Kellna naqra disappunt peress li l-knisja kienet magħluqa u ma stajniex narawha. Wara rritornajna u t-tfal komplew bil-logħob tagħhom.

Għal ħabta tal-3.45 pm it-tfal sabu posthom fil-coaches biex jirritornaw il-Belt fejn kien hemm il-ġenituri tagħhom jistennewhom.

Il-kummenti mill-ġenituri tat-tfal dwar din il-ħarġa kienu favorevoli ħafna u jħeġġuna biex norganizzaw aktar ħarġiet ta' din ix-xorta. Huwa wkoll ittamat li qabel jidħol is-sajf terġa' tiġi organizzata ħarġa oħra. Hemm ukoll il-ħsieb li ssir ħarġa kemm għat-tfal kif ukoll għall-ġenituri.





It-tfal quddiem il-knisja tal-Manikata




**Mimdudin:**
1. Naqflu biha
3. Suppervi
6. Gellied famuż
7. Insibuh f'kull knisja
8. Joqgħod viċin
10. Żmien
11. Tagħmel il-ħwejjeġ

**Weqfin:**
1. Mqareb
2. Xahar
4. Miskin
5. Mingħajr
7. Mina
8. Mhux sejjer
9. Lemħet

**Riżultat ta' l-aħħar ħarġa. Ara paġna 23.**

# HIGHWAY AUTO DEALER

(Prop. J. PISANI)

## NEW AND SECOND HAND CAR DEALER

**VALLEY ROAD – BIRKIRKARA**

**TEL: 41944**



# MELBOURNE CO. LTD.

## PANEL BEATING AND SPRAY PAINTING

**CIAPPARA BROTHERS**

**28, MDINA ROAD, ATTARD**

**TEL: 40963**

# Elmo Insurance Services Limited

C. & H. BARTOLI LTD.

CASSAR & COOPER (Shipping & Insurance) Ltd.

General Agents for:

**Sun Alliance & London Insurance Limited**

Assets in excess of £1000 million.
270 years underwriting experience

SAME AGENTS
SAME UNDERWRITERS
SAME SERVICE

Valletta Buildings, South Street, Valletta. Telephone 624226 (10 lines)



# TONIGHT

Celebrate with us

FREE HORS D'OEUVRE

from 8 p.m.



Vibes

* INTERNATIONAL DISCOTHEQUE * FRIENDLY MANAGEMENT & SERVICE * A BAR 45 FOOT LONG * BRILLIANT DANCE FLOOR * COMPUTERIZED LIGHTING * TOP OF THE CHARTS MUSIC * COSY AND INTIMATE SEATING * AIR CONDITIONED THROUGHOUT

Limits of San Ġwann. Tel.: 515220




Bejn il-11 u l-15 ta' Marzu, 1984, grupp ta' Vigili Urbani minn Catania għamel żjara f'Malta u għal din l-okkażjoni l-Kumitat Sports tal-Pulizija ħejja programm li ġie preżentat lill-Kumissarju tal-Pulizija għal approvazzjoni.

Wara l-Kumitat Sports tal-Pulizija rċieva l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, saret laqgħa għad-delegati tad-Distretti fejn ġie spjegat lilhom il-programm fejn l-attività prinċipali kienet il-logħba football bejn it-team tal-Vigili Urbani u dak tat-team tal-Pulizija ta' Malta.

Il-kontinġent tal-Vigili Urbani wasal Malta fuq flight KM161 tal-Air Malta minn Catania l-Ħadd 11 ta' Marzu, 1984, għal ħabta tas-6 p.m. fejn ġew milqugħa mill-membri tal-Kumitat Sports tal-Pulizija Maltija. Wara l-grupp ġie trasferit fil-lukanda Green Dolphin, San Ġiljan bil-coach tal-Pulizija. Wara l-wasla fil-lukanda d-delegati taż-żewġ naħat iddiskutew il-programm kollu mħejji mill-Kumitat Sports tal-Pulizija. Dak inhar stess id-diriġenti tal-grupp tal-Vigili Urbani ġew mistiedna fil-programm Sports il-Ħadd fuq it-TV Maltija fejn ġew intervistati minn Fr. Hilary preżentatur tal-programm.

L-għada fil-għodu 12 ta' Marzu, 1984, fid-9 a.m. il-grupp tal-Vigili Urbani akkumpanjati minn PS429 Ronald Cilia, bħala membru tal-Kumitat Sports tal-Pulizija, PC355 Eddie Attard u s-Sur Ġużè Galea bħala gwida, ġew meħduda l-Belt Valletta għal żjara kulturali fil-belt kapitali. Hawnhekk il-grupp żar diversi postijiet fosthom il-Katidral ta' San Ġwann, il-Palazz, l-Armerija u l-Barrakka ta' Fuq. Ta' min isimmi li f'din iż-żjara l-grupp interessa ruħu sewwa fl-istorja ta' Malta u diversi membri għamlu mistoqsijiet interessanti lill-gwida s-Sur Galea li min-naħa tiegħu ta' spjegazzjoni profonda ta' l-istorja ta' Malta. Wara l-grupp ġie mistieden fil-Police Social Club għal-lunch.

It-Tlieta 13 ta' Marzu, 1984, kienet l-ġurnata l-aktar mistennija għaliex fit-3 p.m. it-team tal-football tal-Vigili Urbani lagħab football kontra t-team tal-Pulizija ta' Malta fil-Marsa Sports Ground ġentilment misluf għal-okkażjoni mill-Ministeru ta' l-Isports. Għal din il-logħba t-team tagħna niżel bl-aħjar formazzjoni possibbli u l-Kumitat Sports tal-Pulizija talab l-għajnuna tal-coach Lolly Debattista ex-Floriana F.C. Il-logħba kienet irrefjata minn PS653 J. Camilleri, mejjun minn PC450 A. Borda u PC1388 A. Amaira bħala linesmen. Il-logħba żvolġiet interessanti u wara li l-ewwel taqsima għalqet mingħajr goals fit-tieni taqsima t-team tal-Pulizija ta' Malta wera progress u skorja tlett darbiet permezz ta' PC567 T. Bajada (penalty), PC811 V. Busuttil u goal ieħor ta' PC567 T. Bajada biex it-team tagħna spiċċa rebbieħ bl-iskor ta' 3-0. Il-formazzjoni taż-żewġ teamijiet kienet kif sejjer insemmi hawn taħt: –

**PULIZIJA MALTIJA**

PC1263 Sandro Cosby, PC63 Joseph Mallia, PC25 Mario Mallia, PC617 Taddeo Camilleri, PC607 Joseph Camilleri, PC494 Thomas Dimech, PC673 Joseph Mallia, PC567 Teddy Bajada, PC911 Raymond Attard, PS1116 Vincent Bartolo, PC811 Vincent Busuttil.

Sub: – PC610 Lawrence Grima, PC129 Raymond Aquilina, PC513 Martin Ellul, PS509 John Lentini.

**VIGILI URBANI**

Armando Drago, Carmelo Minnella, Sebastiano Carrera, Vittorio Viscuso, Antonio Tarro, Giuseppe Casella, Giuseppe Bongiorno, Mario Malerba, Giuseppe Tornatore, Angelo Viscuso, Francesco Araizzone.

Sub: – Carmelo Cristavro, Nicola Caserta, Carmelo Murabito.

Wara l-logħba l-grupp tal-Vigili Urbani ġie mistieden għal reception fil-Police Social Club fejn ġew mistiedna wkoll il-players tat-team tagħna. Waqt din ir-reception il-players u l-uffiċjali taż-żewġ naħat qagħdu jixorbu u jieklu f'atmosfera ferrieħa. Wara li saru diskorsi qosra minn Cap. Sig. Antonio Serio għal Vigili Urbani u minn PS429 Ronald Cilia għal Pulizija ta' Malta l-players u l-uffiċjali taż-żewġ naħat ġew ippreżentati b'rigali bħala tifkira tal-okkażjoni minn Cap. Sig. Antonio Serio għan-naħa tal-Vigili Urbani u mill-Ispettur Dominic Attard għan-naħa tal-Pulizija Maltija. Ta' min isemmi li l-players tal-Vigili Urbani ġew mogħtija badges tal-Pulizija ta' Malta fuq injama u l-uffiċjali ġew mogħtija set ta' badges tal-Pulizija ta' Malta ġo 'Presentation boxes', ġentilment mogħtija mill-Kumissarju tal-Pulizija. Għal din l-okkażjoni kienu preżenti wkoll dawn il-membri tal-Kumitat Sports tal-Pulizija, 2nd SM 111 Carmelo Micallef, PC500 Lawrence Mallia u PC1141 Joseph Cassar li wkoll ġew preżentati b'tifkira ta'



**Iż-żewġ teamijiet qabel il-logħba.**




l-okkażjoni mill-Cap. Sig. Antonio Serio.

Għal ġurnata ta' l-Erbgħa 14 ta' Marzu, 1984, il-grupp tal-Vigili Urbani ġurnata libera fejn kull membru kien ħieles li jmur fejn ried.

L-aħħar ġurnata l-Ħamis 15 ta' Marzu, 1984, fuq talba tad-diriġenti tal-Vigili Urbani l-grupp kellu żjara ta' kortesija lid-Deputat Prim Ministru u Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. Karmenu Mifsud Bonnici fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni l-Belt Valletta. Hawnhekk il-grupp kien akkumpanjat minn PC500 Lawrence Mallia bħala membru tal-Kumitat Sports tal-Pulizija.

Fil-għaxija għal ħabta tas-6 p.m. l-grupp ħalla Malta għal Catania fuq flight Km160 ta' l-Air Malta fejn ġew mogħtija l-aħħar tislima minn PS429 Ronald Cilia bħala membru tal-Kumitat Sports tal-Pulizija.

Ta' min isemmi li għal din il-mawra f'Malta l-grupp tal-Vigili Urbani kellu għad-dispożizzjoni tiegħu coach tal-Pulizija li waslet lill-grupp f'kull destinazzjoni msemmija f'dan ir-rapport, ġentilment mogħtija mill-Kumissarju tal-Pulizija.

Fl-aħħar il-Kumitat Sports tal-Pulizija jixtieq jirringrazzja lill-Kumissarju tal-Pulizija għal għajnuna kollha mogħtija biex din iż-żjara setgħet tkun suċċess kbir, lill-Viċi Kap u Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. Karmenu Mifsud Bonnici għal paċenzja u kortesija kbira li wera mal-grupp waqt iż-żjara tagħhom fil-Ministeru, lill-Ministru ta' l-Isports is-Sur Lorry Sant għal għajnuna tiegħu biex il-logħba ntlabet fil-ground tal-Marsa, lis-Sur David de Maria, Managing Director tas-St. Julien Hotel u tour operator tal-grupp li bis-saħħa tiegħu seħħet din iż-żjara, lill-Xandir Malta speċjalment lil Fr. Hilary għal coverage li taw lil din iż-żjara fuq il-mezzi tax-Xandir, lis-Sur Lolly Debattista għal pariri li ta' lil players qabel u waqt il-logħba, lir-referee u l-linesmen PS653 J. Camilleri, PC450 A. Borda u PC1388 A. Amaira għal effiċenza u personalità fil-kontroll tal-logħba, lis-Sur Ġużè Galea u PC355 Eddie Attard għal paċenzja u l-kontribut tagħhom biex iż-żjara fil-Belt Valletta setgħet tkun suċċess, lill-PS Bunce u li Staff tal-Police Club għal mod eċċellenti ta' kif preparaw l-ikel waqt il-lunch u reception, lid-drivers tal-coach għal paċenzja li ħadu bil-grupp, lill-membri kollha tal-Kumitat Sports tal-Pulizija li bil-ħeġġa u d-determinazzjoni tagħhom din iż-żjara kienet suċċess, lill-players kollha tat-team tagħna għal inpenn qalbieni tagħhom u mġieba eżemplari fil-ground waqt il-logħba u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom, kbira jew żgħira biex din iż-żjara setgħet tkun suċċess kbir kif esprimew il-membri kollha tal-Viġili Urbani qabel ħallew din il-Ġżira.



**Chev. Joseph Galea fil-Katidral ta' San Ġwann jispjega lit-Taljani dwar il-bini tal-katidral.**



**Sig Belluso, wieħed mid-diriġenti tat-team Taljan jieħu b'idejn l-Ispettur D. Attard waqt il-preżentazzjoni tar-rigali.**